# MID-DURA

Pubblikazzjoni informattiva mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Volum 2021-2



# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Gheżież membri u hbieb,

Kif nghidu l-hin itir u ma jistenna lil hadd, u dan propju nafuh ghaliex f'hakka t'ghajn reġa' wasal il-mument tal-pubbikazzjoni ta' harġa ohra ta' **Mid-Dura**.

Nibda billi nghidilkom li ninsab propju onorat li qed nikteb dan il-messaġġ uffiċjalment bhala President f'din il-harġa tal-pubblikazzjoni **Mid-Dura** li hija pubblikazzjoni miġjuba lilkom mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK. Il-pubblikazzjoni ġiet ippubblikata propju fiż-żmien ta' matul is-sena li ghalina l-kaċċaturi u n-nassaba jkun tant mistenni (wara l-istaġun tar-rebbiegha).

Iż-żminijiet tal-lum huma propju naqra diffiċli ghas-settur taghna tal-kaċċa u l-insib. Hija propju mewġa ta' kurrenti li mhux biss qieghda fuq il-gżejjer taghna, imma mifruxa fuq skala internazzjonali. Qeghdin naraw dan minhabba li ċertu pajjiżi sfortunatament qed ikunu mhaddna minn sfera ta' governanza koalittiva b'nies li ghandhom twemmin politiku pjuttost estrem (partiti tal-hodor). Ideoloġija b'nuqqas ta' tolleranza li jkun imrawwem minn emozzjoni u mhux imfassal fuq xjenza u fatti, iwassal propju ghal persuna li lesta teskludi persuna ohra mis-soċjetà.

Jiena nemmen li kulhadd ghandu dritt ghall-opinjoni, imma li persuna tkun trid timponi fuq haddiehor żgur mhux aċċettat fis-soċjetà tal-lum, meta l-istess persuni jitkellmu fuq drittijiet u salvagwardja ta' minoranzi.



Ftit jiem wara li ġejt appuntat President tal-FKNK persuna partikolari saqsietni; 'Kif ma taqtax qalbek? Ma tahsibx li spiċċa kollox?' Dak il-hin tbissimtilha u rrispondejt hekk; "li kieku naqta' qalbi, kemm jiena u kemm shabi tal-Kunsill u nahseb dak il-hsieb bhalek, żgur li kieku mhux ha noqghod nahli l-hin fix-xejn."

Hbieb - iva huwa żmien diffiċli, imma jekk naqtghu qalbna ha nkunu qed inrebbhu lil min iridna esklużi mis-soċjetà. Irridu nkunu ahna stess li nirbhu u neghlbu dan il-mewġ. Imma dan ma jistax isir biss minn persuna wahda, dan jista' jsir biss mis-soċjetà taghna kollettivament.

Ftit tal-ġimghat ilu, waqt dibattitu fuq l-istazzjon nazzjonali tat-televiżjoni mal-Kap Eżekuttiv tal-Birdlife Malta, deher biċ-ċar li min irid jeskludi minghajr ma jipprova jsib bilanċ u jghawweġ il-fatti ghal kif jaqbel lilu, jibda jitlef l-armi tieghu stess.

Diversi persuni, fost hafna dawk li mhux kaċċaturi u lanqas nassaba qasmu mieghi reazzjoni li mhux sewwa li nies bhal dawn jippruvaw jghawġu l-fatti u jilaghbu bl-emozzjonijiet tan-nies - u dan nafu li kien u ghadu jsir ghal dawn l-ahhar snin.

Fost hafna kienu bdew mill-iskejjel, fejn bil-limitazzjonijiet taghna peress li ahna mhux bhal haddiehor ghaliex m'ghandniex 20 impjegat full-time - b'determinazzjoni sentejn ilu xorta rnexxielna nibdew nattendu u naghmlu xoghol fl-iskejjel b'mod responsabbli u edukattiv. Dan ahna ser nibqghu naghmluh, kif ukoll nabbinawh flimkien ma' xoghol iehor ta' proġetti ta' konservazzjoni li thaddan l-FKNK.

Jekk kull wiehed u wahda minna, taqsam il-fatti b'narrattiva ta' x'inhi eżatt l-esperjenza u l-vjaġġ tal-kaċċa u l-insib, żgur li l-pubbliku jibda jaghraf sewwa x'inhi l-prattika u mhux jiġi mxejjen dak li m'ghandu x'jaqsam xejn ma dak li ahna rridu nissalvagwardjaw u nipprattikaw.

Ahna ser nibqghu nissalvagwardjaw u nippromwovu l-prattiki soċjokulturali hekk kif dejjem sar u hekk ser nibqghu naghmlu -- imma dan ma nistghux naghmluh wahedna imma ahna lkoll flimkien.

**Triq 'il Quddiem**

Ftit tal-ġimghat ilu introduċejna wiċċ ġdid ghall-FKNK; haddanna logo ġdid b'aspett modern u fl-istess waqt nedejna l-viżjoni taghna ghall-ġejjieni. L-iskjerament ta' identità li jkollna immaġini konsistenti u moderna ser tghin lill-FKNK biex fuq skala aktar wiesgha jinholoq rikonoxximent informattiv lejn il-membri, biex ikollna inklużjoni tal-komunità ta' madwarna ghal man-narrattiva u l-kisbiet taghna, u l-iktar importanti hu li ser jghinna nkomplu bil-missjoni tal-Federazzjoni taghna.

Nedejna wkoll viżjoni, viżjoni li hija mhaddna fuq tliet pilastri: Sostenibbiltà – Konservazzjoni - Komunikazzjoni. Dan ser ikun il-kontenut ul-mezz ta' komunikazzjoni lil kull min irid jifhem il-missjoni u l-ghan tal-FKNK. Laqqajna 48 sena ta' esperjenza ma' ideat u viżjoni b'addattament kurrenti li ser jghin aktar nissalvagwardjaw u nippromwovu l-prattiċi soċjokulturali taghna, inkluż il-promozzjoni tal-impatt pożittiv ta' konservazzjoni li nhaddnu ahna u nimplimentaw lejn l-ekosistemi ta' madwarna.

Dan il-vjaġġ biex nkomplu nimxu 'l quddiem ma nistghux naghmluh wahedna, imma rridu holistikament nahdmu lkoll flimkien biex b'hekk nistghu niksbu l-ahjar riżultati mhux biss ghalina, imma ghall-ġenerazzjonijiet futuri.

**minn Lucas Micallef**

# IT-TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SALVAĠĠI / *WILD BIRDS REGULATION UNIT* (WBRU)

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Salvaġġi ġiet stabbilita fi hdan is-Segretarjat Parlamentari ghall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali wara deċiżjoni tal-Gvern, f'Mejju 2013, sabiex jiġu ċentralizzati l-funzjonijiet regolatorji li jippartjenu ghall-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Salvaġġi (L.S. 549.42) inkluż l-liġijiet sussidjarji relatati, u sabiex tiġi osservata u implimentata l-politika tal-Gvern fl-ambitu ta' governanza tar-regolamenti ghal kaċċa sostenibbli u l-konservazzjoni tal-ghasafar salvaġġi. Fl-2020, it-Taqsima ġiet tifforma parti integrali mill-Ministeru ghal Ghawdex.

It-Taqsima strutturata fuq tlett ferghat prinċipali: il-*Policy Branch*, l-*iSpecial Initiatives and Customer Care Branch* u l-*iSpecialist Enforcement (Compliance) Branch*.

Il-*Policy Branch* hija responsabbli ghall-kompiti kollha relatati mal-leġislazzjoni u l-implimentazzjoni ta' regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Ghasafar. Il-*Policy Branch* tipprovdi kontribut ghall-formulazzjoni ta' pjanijiet politiċi u regolamenti tal-gvern dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar salvaġġi, l-implimentazzjoni ta' riformi fil-leġislazzjoni sabiex tiżgura simplifikazzjoni effettiva u tissalvagwardja d-drittijiet taċ-ċittadini kollha inkluż tal-kaċċaturi u n-nassaba, liċenzjar (liċenzji ġenerali, liċenzji speċjali u eżamijiet) u l-amministrazzjoni ta' *databases* tal-liċenzji. Parti importanti mix-xoghol taghha jinkludi l-amministrazzjoni tas-sistema ta' rappurtar telefoniku, l-kummissjonar u l-implimentazzjoni ta' studji xjentifiċi, rapporti tekniċi u statistika li huma essenzjali sabiex il-gvern Malti jkun jista' jibbaża argumenti xjentifiċi u legali fl-ambitu tal-kaċċa u l-insib. Sa mill-2017 kienet ukoll strumentali sabiex tikkoordina u tqassam fondi ghal proġetti ta' konservazzjoni, u implimentazzjoni ta' studji xjentifiċi u attivitajiet ohra relatati li minnhom ibbenefikaw u ghadhom jibbenefikaw ghaqdiet mhux governattivi, bhal proġett ta' introduzzjoni tal-Barbaġann u t-trobbija tal-Gamiem immexxijin mill-FKNK. Fil-qasam tal-politika internazzjonali u tal-UE, din il-fergha hija strumentali sabiex issegwi diskussjonijiet importanti, timplimenta l-miżuri neċessarji abbażi tad-diskussjonijiet, kif ukoll tinnegozja sabiex l-interess nazzjonali ta' pajjiżna jiġi kkunsidrat qabel tittiehed kwalunkwe deċiżjoni.




L-*iSpecial Initiatives and Customer Care Branch* taqdi madwar 12,000 membru tal-komunità tal-kaċċaturi u n-nassaba, kif ukoll klijenti ohra li jaghmlu parti minn NGOs ambjentali. Din il-fergha tiehu hsieb talbiet u ilmenti, taġixxi bhala *front office* ghall-funzjonijiet regolatorji tal-*one-stop shop* kemm f'Malta kif ukoll permezz ta' uffiċċju separat f'Ghawdex, u hija essenzjali ghad-disseminazzjoni ta' informazzjoni importanti.

Tul dawn l-ahhar snin din il-*Branch* kisbet qabża kbira fil-kwalità tal-gharfien regolatorju fost il-komunità tal-kaċċa, li minn naha taghha ssarrfet f'aktar konformità mar-regolamenti.

L-*iSpecialist Enforcement (Compliance) Branch* tikkoordina l-operazzjonijiet kollha relatati mal-infurzar tar-regolamenti u liġijiet kif ukoll tikkordina azzjonijiet flimkien mal-Pulizija, id-Dwana u entitajiet ta' infurzar ohra. L-uffiċjali taghha jassistu lill-Pulizija f'sorveljanza u rondi fil-kampanja matul is-sena kollha, waqt spezzjonijiet f'punti ta' dhul, f'residenzi privati, u waqt proċessi ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet quddiem il-qrati. Toffri wkoll assistenza teknika fir-rigward ta' proċeduri tal-Qorti, koordinazzjoni ta' ċerti aspetti ta' liċenzjar u proċessi ta' konformità bhall-multi amministrattivi, kumpilazzjoni ta' statistika u rapporti ta' infurzar, amministrazzjoni tas-sistema ta' reġistrazzjoni ta' ghasafar ibbalzmati, u koordinazzjoni ma' entitajiet ta' infurzar barranin (eż. Europol u IMPEL) u dmirijiet ohra relatati. Ix-xoghol ta' din il-fergha huwa essenzjali sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta tar-regolamenti u l-proċessi regolatorji fl-interess tal-komunità tal-kaċċaturi u n-nassaba.

# EDITORJAL

Wasalna għat-tieni pubblikazzjoni oħra ta' Mid-Dura. L-ewwel nett nixtieq f'isem sħabi tal-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti nirringrazzja lil dawk kollha li bagħtulna kummenti pożittivi fuq il-pubblikazzjoni, kif ukoll ilqajna u ser nindirizzaw il-ħafna suġġerimenti li ġew mogħdija lilna b'referenza għal din il-pubblikazzjoni.

Kif iddikjarajna f'diversi messaġġi aktar kmieni din is-sena, il-FKNK ser taħdem ħafna aktar fuq il-komunikazzjoni u peress li nħaddnu sfera diversa fil-komunita' tagħna, ser nibqgħu nagħmlu dak kollu possibbli biex nibqgħu nkunu qrib tagħkom u nwasslu informazzjoni xierqa u f'waqta b'kull mezz possibbli li nistgħu nilħqu lil kulħadd. Fost il-ħafna mezzi għandna l-SMS, emails, pjattaformi tal-midja soċjali, u kif wkoll permezz ta' din il-pubblikazzjoni Mid-Dura.

Din id-darba, il-pubblikazzjoni ta' tieni edizzjoni ta' Mid-Dura, l-FKNK imxiet pass ieħor, wara li rajna d-domanda u l-interess li hawn għal Mid-Dura, sar investiment għaqli biex din il-pubblikazzjoni nformattiva tasal fid-djar ta' kull wieħed u waħda minnkom id-dilettanti membri ta' din il-Federazzjoni.
Ser nibqgħu naħdmu biex kemm din il-pubblikazzjoni, kif ukoll kull mezz ieħor possibbli ta' kommunikazzjoni tkun aktar effiċjenti għall-partijiet rispettivi; kemm għad-delletant, kif ukoll għall-FKNK biex tibqa' tkun il-vuċi tal-passjonijiet soċjo-kulturali tal-kaċċa u l-insib fil-gżejjer Maltin.

Min jixtieq jagħti kontribut lil Mid-Dura, kemm bħala reklami prospettivi għall-edizzjonijiet futuri, kif ukoll kontribuzzjoni ta' artikli, għandu jikkomunika magħna fuq info@huntinginmalta.org.mt - bl-għajnuna tagħkom biss jista' jibqa possibbli biex nippubblikaw Mid-Dura u nkunu nistgħu nibagħtuwa b'xejn lilkom il-membri fid-djar tagħkom.

## Għamel parti MID-DURA

Jekk hemm xi suġġett partikolari relatat direttament jew le mall-kaċċa, insib, jew ambjent u tixtieq taqsam storja jew tixtieq tikteb artiklu għall-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni MID-DURA ġejjiena, ikteb fuq pro@huntinginmalta.org.mt

FEDERAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI FKNK

**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK**
138, Triq il-Kunċizzjoni
Msida MSD 1831

**FKNK**
**P.O. Box 26**
**Sliema SLM 1055**

**www.huntinginmalta.org.mt**

**info@huntinginmalta.org.mt**

**Editur:**
Lucas Micallef

**Ritratt ta' fuq il-qoxra:**
George Carl Camilleri

**Disinn:**
Ability Publications Ltd
2124 1317

**E:mail:**
abpublicationsltd@gmail.com

**Stampar:**
Gutenberg Press

# ID-DELIZZJU TAL-IKKARGAR TAL-ISKRATAĊ GĦALL-KAĊĊA

**minn Denis Fsadni**

Dan id-delizzju jmur lura għal ħafna snin meta l-ġenerazzjonijiet ta' qabilna kienu tista' tgħid kulħadd jikkarga għall-użu tiegħu. Ovvjament iż-żminijet kienu differenti ħafna mil-lum. Kien hawn ħafna aktar kaċċa, ħafna aktar art fejn wieħed jista' jipprattika dan id-delizzju u bla dubju ta' xejn ħafna inqas restrizzjonijiet.

Jien dan id-delizzju bdejtu minn meta kont żgħir fejn kont nara lil missieri u lin-nannu tiegħi jikkargaw l-iskrataċ għall-passa ta' Settembru u April sa minn xhur qabel ħalli kif jgħidu skartoċċ jilħaq joqgħod. Kien hawn ħafna tipi ta' porvli bħal Nobel 60, 62, 82, Coopal, Mullurite u ħafna oħrajn li llum il-ġurnata ma għadekx issibhom għax jew il-fabbrika m'għadhiex topera jew inkella m'għadhomx isiru.

Illum il-ġurnata għadek issib ċertu porvli li ilu jeżisti bħal A1, S4, C7 u oħrajn. Kulħadd għandu dik il-porvla partikolari li togħġbu aktar minn oħra, fl-aħħar mill-aħħar huma gosti individwali. L-ikkargar fih ħafna dedikazzjoni u paċenzja għax meta wieħed ikun qed jikkarga jrid joqgħod attent fuq ħafna affarijiet, l-aktar important hi s-sigurtà u l-attenzjoni waqt li wieħed ikun qed jikkarga għax bħalma kulħadd jaf il-porvli hu materjal li jaqbad u jaf ikun perikoluż.

Ilni s-snin dilettant sew tal-ikkargar u dejjem wieħed jipprova jipperfezzjona u jqarreb kemm jista' lejn skrataċ ta' barra. Wieħed irid iżomm ġo moħħu li kumpaniji kbar li jikkargaw miljuni ta' skrataċ fis-sena għandhom ħafna aktar makkinarju u wieħed ma jistax iqabbel ruħu ma' dawn il-ġganti però wieħed jista' jqarreb ħafna!! Sa ftit ta' snin ilu kellna min jagħmel iċ-ċomb però dan m'għadux isir għax min kien jagħmlu żarma. Għaldaqstant ċomb ta' barra biss issib illum il-ġurnata.

Wieħed jista' jimmaġina li sar progress fuq snin passati fejn tidħol prestazzjoni tat-tir. Fl-antik (fis-snin 50 sa 70) jekk tajra tkun 50 u 60 pass bogħod ma kinux jisparaw għax kienu jgħidu "barra mit-tir", illum il-ġurnata kulħadd jaf kemm tjiebet il-prestazzjoni u dak li qabel kien meqjus bħala barra mit-tir illum saret tista' tgħid fit-tir. Fl-antik ma kinux jeżistu tazzi tal-plastik li jżommu t-tir magħqud kienu jikkargaw bil-borra jew bit-takka tal-felt, għaldaqstant it-tir jinfirex malajr aktar mhux bħal meta ċ-ċomb ikun ġo tazza tal-plastik. Fl-antik skartoċċ kien jiġi sparat ma nafx kemm-il darba u dejjem jaqtgħulu biċċa żgħira minn fuq u l-iskartoċċ dejjem jiċkien. Kienu żminijiet differenti ħafna però huwa fatt li kien hawn ħafna aktar għal xiex wieħed ikollu namra.
Niġu għall-ikkargar ta' żminijiet aktar riċenti jew aħjar l-ikkargar tal-lum. Ovvjament l-ikkargar ta' dawn iż-żminijiet għalkemm baqa' bl-istess metodu llum tista' tgħid kollu jsir ġo skartoċċ tal-plastik milli kif kien isir qabel ġo skartoċċ tal-kartun. Hemm ċertu vantaġġi ngħid jien li jsir ġol-plastik u l-akbar vantaġġ hu li fil-plastik tiġi eliminata l-problema tal-umdità. Skartoċċ tal-





kartun kapaċi jassorbi l-umdità u apparti li jista' jismen xi ftit hemm possibbiltà li jumda l-porvli u għaldaqstant it-tir jitbaxxa u ma jkunx effettiv kemm għandu jkun jew jista' anke f'każijiet estremi ma jiħux. Fl-ikkargar tal-lum dan tista' tgħid li mhux possibbli billi l-plastik mhux poruż u għalhekk il-porvli m'għandux ċans li jiltaqa' ma' umdità.

Bħal kull ħaġa oħra kull tiratur għandu l-preferenzi tiegħu, hawn min jippreferi skrataċ bit-tazza sħiħa u hawn min bin-nofs tazza. Id-differenza bejniethom hi minima aktar milli forsi wieħed jista' jaħseb. Fl-opinjoni tiegħi n-nofs tazza jew kif inhi aktar magħrufa bħala l-BR naraha li hi versatili ħafna u għaldaqstant sirt nagħmel użu minnha kważi f'kulma nikkarga. Il-klima tagħna hi klima Mediterranja u jista' jkun li ċertu tip ta' porvli ma jkollux prestazzjoni massima meta jiġi sparat fil-gżejjer tagħna. Ma jfissirx li mhux tajjeb imma jista' jkun li hawn Malta ma jilħaqx il-potenzjal kollu tiegħu. Idealment meta wieħed jikkarga għandu tal-anqas jipprova jaħseb xi ftit xhur qabel ma jkun ser jiġu sparati, dan għax jekk l-iskartoċċ ikun laħaq qagħad ikollu prestazzjoni aħjar kemm fil-pattern tat-tir kif ukoll bħala nixfa.

Dawn l-aħħar snin kulma jmur l-ikkargar għall-użu personali mil-lat finanzjarju ma għadux vijabbli għax il-materja prima dejjem togħla. Però kif jgħidu li l-passjoni tad-delizzji ma jqisux flus. Is-sodisfazzjon li tispara bl-iskrataċ li tkun għamilt inti stess u taqbad it-tajr tal-passa bl-istess skartoċċ hu sodisfazzjon li mhux faċli tiddeskrivih, forsi mhux kulħadd jifhimha hekk però kull min għandu din il-passjoni jaf x'qed ngħid.

Nieħu din l-opportunità biex nawgura l-passa t-tajba lill-kaċċaturi kollha ta' dawn il-gżejjer u nħeġġiġkom biex tosservaw il-liġijiet biex nibżgħu għad-delizzju tagħna.

# IL-FENEK FIL-KULTURA MALTIJA

minn Ian Falzon

Personalment, waħda mir-raġunijiet għaliex jaffaxxinani l-fenek salvaġġ, partikolarment dak Malti, hi l-impatt li dan kellu u għad għandu fuq il-kultura, soċjetà u l-identità Maltija.



Kif dejjem jingħad, hadd mhu ċert minn fejn oriġina l-fenek salvaġġ fuq il-gżejjer Maltin. Ħafna jaħsbu illi dan iddaħħal mill-Feniċi jew mir-Rumani sabiex ikollhom sors ta' laħam.

Iżda l-eqdem traċċi li nafu bihom huma xi għadam fossili li nstabu fis-sena 1923, meta Giuseppe Despott kien qed jiskava Għar Dalam. Dawn instabu mħalltin mal-għadam ta' annimali domestiċi u fdalijiet tal-bniedem. Minħabba f'hekk kien impossibbli li jiġi stabbilit jekk dan il-fenek kienx dak salvaġġ jew forsi nġieb Malta mal-bniedem.

Għalkemm illum il-ġurnata forsi l-fenek m'għandux rwol daqshekk importanti għalina, l-istorja mhux minn dejjem kienet hekk. Fil-fatt nistgħu ngħidu li kien il-fenek salvaġġ, jew aħjar ir-revoka tad-dritt għall-kaċċa tiegħu, illi wassal għall-magħruf irvell tal-patrijiet kontra l-Ordni u l-Gran Mastru Ximenes fis-sena 1774. Malta kienet għaddejja minn perjodu iebes u l-Gran Mastru deherlu li kellu jikkontrolla l-kaċċa u l-bejgħ tal-fenek sabiex il-fenek jiżdied u f'qasir żmien isir sors ta laħam irħis. Però l-popolin iktar ħassew l-impatt li dawn il-fniek bdew ikollhom fuq l-uċuħ tar-raba'. Kollox għaqad meta l-Isqof Pellerano ppermetta xi patrijiet imorru jikkaċċjaw. Xi bahrin tal-Ordni qabduhom u sawtuhom. L-Isqof inkorla u baghat lis-suldati tiegħu jarrestaw lil dawn il-baħrin. Grupp ta' baħrin u kavallieri bi tpattija marru l-palazz tal-Isqof jipprotestaw. Botta u risposta bejn il-Gran Mastru u l-Isqof wasslet biex Ximenes jikteb lill-Papa sabiex jinbidel l-isqof. Intant, xi Kavallieri nasbu lil Patri Gejt Mannarino u sawtuh. Mannarino ma qgħadx għal dan u ma' grupp ta' ribelli attakka s-sur ta' San Ġakbu u Sant' Iermu mal-lejl tat-8 ta' Settembru. L-ewwel assalt kien suċċess. Biss, dan ma damx wisq u Ximenes irribatta u b'hekk sfaw arrestati. Xi whud sfaw mogħtija l-eżekuzzjoni filwaqt li Mannarino weħel għomor il-ħabs.

Interessanti li wieħed jinnota li din mhux l-ewwel darba li l-kaċċa tal-fenek kienet ristretta f'Malta, bil-Gran Mastru Del Monte jagħmel dan fil-1534 u l-Gran Mastru La Valette jinforza fuqha bħal ħafna oħrajn warajh.



Bla dubju l-fenek ħalla l-impatt tiegħu fuq aspetti kulturali Maltin bħalma huma l-fenkata Maltija. Nafu li fi żmien il-Kavallieri kienu jittieklu 'il-pasticci di carne' u partikolarment 'carne di conigli'; torti jew 'pastizzi' tal-laħam tal-fenek. Jista' jagħti l-każ li l-ikla popolari ma kinitx fil-fatt l-istuffat, iżda t-torta jew xi platt ieħor.

Ma jistax jonqos li wieħed isemmi l-magħruf kelb tal-Fenek li kif jixhed ismu xi ftit jew wisq hi razza li nħolqot propju għall-kaċċa tal-fenek fl-ambjent aħrax Malti. Il-fenek ta ismu wkoll lil xi lokalitajiet bħal ma nsibu f'Kemmuna l-magħrufa "l-Bejta tal-Fenek" (il-Crystal Lagoon.)

Mal-milja taż-żmien, il-fenek salvaġġ ma baqax tant kruċjali għall-ħajja tal-Maltin speċjalment meta żdiedet it-trobbija, u forsi xi ftit jew wisq intesa.

Jekk hawn xi ħadd jixtieq jikkuntattjani jew jgħaddi xi informazzjoni dwar il-fenek sealvaġġ nistiednu jibgħatli email fuq: ian.falzon@mcast.edu.mt



# MID-DJARJU TAT-TIMBA

minn Joe Farrugia

Tqum b'namra wara lejl tisma' r-riħ iħabbat mat-tieqa bix-Xlokk ftit qawwi, twieqi tal-ħadid li tħoss żiffa dieħla xorta kważi daqs li kieku ma kien hemm xejn twieqi! Żiffa tħossha dieħla minn bejn il-ħadid. Ma jkollix sabar norqod, nistħajjilni kważi kważi mrobbi barra u s-saqaf nistħajlu ser jaqa' fuqi. U kemm se nibqa' fis-sodda! "Daqshekk qabżitli!" Inżilt fil-kċina u bħas-soltu komplejt bir-rutina ta' kuljum li nirranġa xi ħaġa tal-ikel u tlaqt 'il barra u ħallejt lil kulħadd għadu rieqed u ommi dejjem tgerger għax inkun ħriġt kmieni u ma ngħidilhiex!! U jekk ngħidilha tgerger għax inkun qajjimtha fl-erbgħa ta' filgħodu!! Mur ifimhom! Imma kif ma nirbaħx waħda mqaddsa dinja! Insomma wasalt l-għalqa u dħalt fid-dwejra u kkalmajt ftit, qbadt il-paletta tax-xiwi u ntfajt nixwi s-soltu ħobż, għasel jinżel dak il-ħin, ikun hemm kwiet taqtgħu b'sikkina. U smajt Summiena!! "Meeweq ....Meeweq... Meeweq!! Paq...Papaq...Paq.. papaq....Paq...Papaq !"

"Isma' dalgħodu! Haw' xi summiena fil-qrib milli jidher. "Smajtha xi darba oħra tkerker imma ħsibtha li kienet fir-raba' ta' ma ġenbna, tal-ġirien, imm'issa smajtha qrib. Kelli tnejn fil-qofsa dejjem barra taħt is-setaħ li kellna malli nitilgħu t-taraġ għall-għorfa ta' fuq, kienu qofsa naqra kbar bis-saqaf tax-xoqqa għax mgħarraq is-summien jitħabat bosta u dejjem meta mmur nagħlfu jibda joqmos u li ma kienx saqaf hekk jitfarrak. Kienu tajbin, li kelli u ġieli faqqgħu xi sebgħa jew tmienja bin-namra li kellhom. Dik il-passa kien hawn erba' summiniet u peress li kien daħal iż-żmien kien hawn fejn xi wħud irabbu l-post u jqattgħu s-sajf magħna jekk jitħalla kwiet. Il-kaċċaturi kienu jkunu naqsu wkoll għax ikun daħal iż-żmien, tkun saħnet l-arja u jibdew jixbgħu joħorġu għalxejn u allura anki t-tiri jkunu naqsu, xi kultant tisma' xi wieħed jew tnejn. Tibda tikwieta d-dinja jew jerġgħu jmorru għax-xogħol. Meta jidħol Mejju sew, għall-aħħar tiegħu ġieli kien ipassi l-gamiem li ngħidulu tar-riħ fuq, jisbaħ Tramuntana Majjistru u tara passa gamiem li tibqa' mbellah u li ħadd ma jkun stenna u dawk il-ftit iffortunati li kienu jinzertawh jaqbdu sehemhom sew!! Dak il-gamiem tistħajlu li hu anki akbar minn dak ta' April. Sa Ġunju kont nibqa' naqbad il-gamiem li jidħol hemm għall-kwiet, jidħol ixxamplat mingħajr tiri u joqgħod fil-ħarrub jew fuq il-blat tax-xagħri u jiena nidħollu ħelu ħelu u nipponta għat-tir.

Il-ħsad tat-tiben konna nibdewh tard xi ftit aħna, ma kellniex min jiġri warajna u kollox bit-temp tagħna, xejn xejn kien jilħaq joqgħod l-ajru u niffrankaw li jixxarrab u



ma jintrefax niedi fl-għorfa. Kienet tkun arja differenti minn April, kienet tinħass li riesaq is-sajf, dak il-frisk filgħodu u taf li sejra tisħon ix-xemx u anki n-natura tibda ssir aktar kajmana u tibred mill-ġenn ta' kuljum. Il-merill ta' kull filgħodu jiġi jgħanni fuq id-dura tal-mansab t'isfel. Hemm postu!

U l-mara tiġi ftit warajh tfittex l-imżaqq biex tagħlef lill-frieħ li kienu diġà taru u qegħdin moħbijin taħt pett tal-blat. Tħares 'il fuq u tara l-bilblu jgħanni li bilkemm tarah fil-għoli "Eee għandu l-bejta qrib" U noqgħod għassa tiegħu biex nara fejn sejjer jinżel "Upps hemm hu! Arah ja brikkun li hu fej' niżel! "Jinżel post ja brikkun 'il bogħod mill-bejta u jitlaq jiġri żig u żag biex ifixkel lil min jimxi warajh biex iqarraq ħalli ħadd u xejn ma jsib il-bejta.

"Meeweq...Meeweq...Meeweq" "Erġajt smajtha! Haw' qiegħda ħdejja!" Smajtha tkerker is-summiena l-mara u naħseb li kienet xi għoxrin pass biss bogħod minni. Ma ħassitnix lili għax kont kwiet ngħarrex għall-bliebel. "Żgur haw' qiegħda ġol-ħabel tal-iskalora" Bqajt għassa ħalli nara nilmaħhiex u għamilt xi nofs siegħa hemm, kissirtu sormi fuq iż-żrar tal-mogħdija. "Ara fejnha jaħasra! Faqset xi ġmiel!" U nsibha għaddejja minn taħt il-ħajt b'sebat ifrieħ jiġru warajha jfittxu l-ikel, serbut qishom ferrovija kulur il-ħamrija u li kellhom jieqfu ma tarahomx għax jisparixxu tant kellhom kulurhom jaqbel eżatt mal-madwar tagħhom!

Xi ġmiel ta' ħajja u ntlift, ibbalzmajt ħalli ngawdihom kemm nista' sakemm sparixxew fil-qasbija tat-tiben u huma komplew b'ħajjithom u jiena komplejt b'tiegħi.

Saħħa ħuti u bħalma dejjem ngħid jiena li l-ħajja tkompli.



# TIĠIEĠ ISWED TA' MALTA

minn Philip Aquilina
f'isem Breeds of Origin Conservancy

Fl-imghoddi Malta kienet arċipelagu ta' gżejjer iżolati. Ghaliex qieghed nghid hekk? Mhux iżolati ghadna? Qieghed nghid hekk ghaliex qabel il-konnessjonijiet bejn il-pajjiżi u aktar u aktar mal-gżejjer kienu hafna aktar limitati milli huma fid-dinja tal-lum.

Ghalkemm fiċ-ċokon taghna, il-ġografija ta' Malta, bl-iżolament taghha tat il-lok li jinholqu razez ta' bhejjem domestiċi differenti minn ta' pajjiżi ohra. B'hekk nistghu nghidu li ghandna razez ta' bhejjem ta' Malta bhalma fost l-ohrajn hu t-Tiġieġ Iswed ta' Malta.

Din ir-razza ta' Tiġieġ ġiet żviluppata mill-awtoritajiet Maltin tat-tletinijiet. It-tiġieġ kien pjuttost komuni fil-gżejjer taghna iżda qatt ma kien inghata importanza, ghaliex kien jittrabba jiġri barra jew fil-ġonna, jikber wahdu minn fuq dak li kien kapaċi jlaqqat. Peress li ma kienx jinghata valur nutrittiv partikolari, it-tjur li kien hawn kienu mhalltin u varjati hafna u allura ma kienx hawn razza speċifika. 'Il barra minn xtutna, f'dik l-epoka kien qed isir żvilupp sostanzjali fl-agrikoltura kif ukoll fir-razez kummerċjali tal-bhejjem bl-ghan li jonqos il-ġuh u jitjieb il-livell nutrittiv fl-ikel tal-poplu. F'Malta bdew ġejjin razez ta' bhejjem kummerċjali wkoll, fosthom razez tat-tiġieġ. It-tiġieġa ghandha kapaċità tipproduċi ammont sostanzjali ta' ikel (bajd u laham) pjuttost malajr meta kkumparat ma' bhejjem ohra. Tiġieġa tipproduċi ammont ta' bajd fuq bażi regolari u tlahhaq ammont ta' laham fi ftit ġimghat jew xhur, mentri ċ-ċanga kienet iddum snin. Allura dan kien wassal lil Malta tinvesti fit-tiġieġ. Kienu bdew jiġu razez ta' tiġieġ ta' barra iżda dawn ma kinux addattati ghall-klima taghna, u wisq anqas ghall-mard lokali taghna. Din is-sitwazzjoni bdiet twassal ghal falliment minhabba mwiet kbar f'dawn it-tjur. Apparti minn hekk dawn it-tjur kienu kapaċi jikbru fi żmien qasir meta jintghalfu ghalf ta' kwalità tajba li dan kien ghadu mhux disponibbli f'pajjiżna.

Dan kollu kien wassal lill-awtoritajiet Maltin ta' dak iż-żmien biex jinvestu f'razza ta' tiġieġa Maltija, li tkun addattata ghall-klima u l-kundizzjonijiet taghna, u li tkun reżistenti ghall-mard lokali. Peress li ma kienx hawn razza b'karatteristiċi partikolari f'pajiżna, kien sar proġett li tiġi żviluppata razza ta' tiġieġ minn tjur li kien hawn stabbilit. Ghalkemm it-tjur eżistenti ma kellhomx kwalitajiet kummerċjali, kienu addattati ghall-kundizzonijiet ta' pajjiżna. Il-proġett kien involva li nġabru ammont żghir ta' tjur suwed minn Malta u Ghawdex, irrelevanti l-ghamla u d-daqs ta' dawn it-tjur, basta suwed. Razza t'annimal irid ikollha karatteristiċi uniċi biex tiġi identifikata bhala razza, anki mid-dehra esterna taghha, u ghaldaqstant il-kulur. Kien intghażel il-kulur iswed ghaliex il-ġenetika tal-kulur tar-rix iswed hija dominanti fuq il-kuluri l-ohra u kien aktar faċli tiżviluppa razza ta' tiġieġ iswed minn kulur iehor, wara kollox din kienet se tkun razza ta' komodità u mhux ghal eżebizzjoni.



Wara hafna selezzjoni, fi żmien qasir id-dipartiment kien irnexxielu jiżviluppa din ir-razza ta' tiġieġ lokali, dik li llum insejhulha t-Tiġieġa Sewda ta' Malta. Peress li t-tjur lokali ma kinux kabbarin, kien iddahhal kwantità żghira ta' demm tar-razza ta' Tiġieġ ta' Minorka biex ir-razza ta' tiġieġa ta' Malta tikber aktar fid-daqs, iżżid il-piż u thexxen daqsxejn il-bajd u b'hekk ikun żdied il-valur nutrittiv u ekonomiku taghha. Din ir-razza kienet żviluppat f'razza reżistenti hafna ghall-mard, fertili hafna, tbid ammont konsiderevoli ta' bajd fis-sena, u tilhaq piż diċenti ghal fuq il-mejda b'ghalf mhux daqshekk ta' kwalità gholja. F'dak iż-żmien din ir-razza kienet saret popolari mhux biss f'pajjiżna iżda kienet anki ttiehdet f'xi pajjiżi ohra. Tul is-snin, it-trobbija tal-bhejjem f'Malta bdiet tiehu x-xejra kummerċjali, bdew jinbdew irziezet intensifikati u aktar moderni li setghu jkabbru razez ta' tiġieġ kumerċjali f'ambjenti kontrollati u ghaldaqstant bhar-razez ta' bhejjem ohra ta' Malta, it-Tiġieġa s-Sewda tilfet l-użu u l-popolarità taghha.



Fid-dinja tal-lum, il-kwalitajiet tat-Tiġieġa s-Sewda ta' Malta qed jiġu apprezzati hafna aktar minn qabel, f'dinja li qed tevolvi ghal biedja organika u ikel aktar bnin. Kif diġà semmejt, din ir-razza hija tajba hafna ghall-biedja organika speċjalment meta wiehed jikkonsidra li din hija reżistenti hafna ghall-mard, li jfisser użu inqas konsiderevoli ta' mediċini, vaċċini u sustanzi ohra. Din ir-razza hija wkoll ideali ghat-trobbija mal-art u fuq barra u mhux fil-gaġġa ghaliex ghandha saqajn b'sahhithom hafna u addattata ghall-klima taghna. Hija kapaċi tikber u tbid b'ikel aktar fqir fin-nutrijenti u ghaldaqstant tista' tintghalef żrieragh, hxejjex naturali u fdalijiet tal-kċina. Il-flieles idumu aktar biex jilhqu piż minn razez kummerċjali iżda ovvjament ikunu aktar bnini ghaliex ikunu hadu l-proċess naturali fit-tkabbir taghhom. Wara dan kollu naghlaq billi ninkoraġġixxi li wiehed jaghżel li jkabbar din ir-razza ghall-kwalitajiet pożittivi taghha, inkunu patrijotti Maltin mhux biss, iżda biex nissalvagwardjaw il-bijodiversità u r-riżorsi ġenetiċi taghna li jwassal ghal ġejjieni u dinja ahjar.

# TNISSIL MILL-EKRI

minn Roderick Abela

Aħna l-Maltin nafu l-aktar l-ekru li jpassi minn fuq Malta. Madanakollu r-razza tal-ekri hija wiesgħa ħafna u tinkorpora fiha diversi razez minn madwar id-dinja.

Eżempju ta' razza mill-ħafna li jeżistu hija dik tal-ekru l-aħmar tal-Venezuela (Red Hooded Siskin). Dan l-ekru huwa dak li minnu tnisslu l-bgħula mal-kanarini li kienu fertili (jingallaw) sabiex b'hekk għadda dak ir-*red factor gene* ġor-razza tal-kanarin.

Matul dawn l-aħħar snin kelli esperjenza tajba kemm fit-tnissil tal-ekri Ewropej kif ukoll minn tal-ekri tal-Venezuela (Red Hooded Siskin). F'dan l-artiklu se naqsam ftit ideat fil-qosor dwar wieħed x'għandu jagħmel sabiex ikollu suċċess fit-tnissil tal-ekru Ewropew.

L-ekru Ewropew huwa għasfur ħelu, fidil u fih madwar 12-il ċentimetru. L-irġiel u n-nisa faċilment jintgħarfu peress li r-raġel huwa ta' lewn isfar ħadrani b'kappa sewda fuq rasu. Xi whud ikollhom ukoll ħannieqa sewda taħt il-munqar. Din il-ħannieqa mhijiex daqshekk komuni u meta jkollhom waħda, l-aktar li tkun tidher skura hija fi żmien in-namra. In-nisa ma jkollhomx kappa sewda u ħannieqa li tkun akar bajdanija b'aktar strixxi suwed. Illum jeżistu diversi mutazzjonijiet sbieħ fosthom: Brown, Pastel, Agates, Isabels, Dilutes u oħrajn.

Wieħed jista' jnissel mill-ekri kemm f'gwi kif ukoll f'gaġeġ, speċjalment minn dawk li kienu diġà mnissla fiċ-ċokon. Jiena nissilt l-ekri ġo gwi b'daqs ta' 2m fond x 2m għoli x 70ċm wisa' kif ukoll ġo gaġeġ daqs tat-tluq tal-kanali. L-armar ġewwa l-guva jew gaġġa m'għandux għalfejn ikun sofistikat. Ftit friegħi naturali bħal dak tal-prinjol jew artifiċjali tal-plastik huwa biżżejjed. Bħala bejtiet tista' tuża bieqji żgħar tal-plastik bħal tal-kanali u bħala materjal għall-ġarr tista' tagħti taħlita ta' spag u tajjar jew minn dak imħallat lest. Ħafna drabi kif jibdew il-bejta jlestuha fi żmien jumejn. L-ekri normalment jibdew ibidu għall-aħħar ta' April/Mejju. Normalment ibidu ħames bajdiet u jfaqqsu wara 12-il ġurnata. Il-frieħ jitlibbsu ċ-ċurkett ta' daqs 'B' meta jkollhom ħamest ijiem.

Id-dieta tal-ekru mhijiex waħda komplikata imma fil-każ ta' kull għasfur tal-għana wieħed ma jistax jippretendi li jnissel minn xi speċi billi joffri biss taħlita ta' żerriegħ komuni bħal tal-kanarini. Illum hawn diversi żrieragħ tajbin li huma studjati apposta għal kull razza ta' għasfur. Hemm differenza bejn li żżomm għasfur ħaj u tnissel minnu. Biex wieħed inissel minn kwalunkwe għasfur irid jieħu ħsieb li jkollu għasafar b'saħħithom l-ewwel nett u mbagħad irid joffri ambjent u dieta addattata għal dak it-tip ta' għasfur.

Jiena nagħlef taħlita apposta għall-ekri li importanti li ma jkunx fiha skalora sewda, kemm għax tħaxxen ħafna (u l-ekri huma għasafar li jeħxienu malajr speċjalment fiċ-ċokon), kif ukoll għax tikkawża ħafna problem fil-fwied. Skalora sewda trid tkun evitata minn kull taħlita għall-għasafar tal-għana kollha ħlief meta mnibbta. Meta mnibbta mbagħad jinbidlu l-propjetajiet tagħha u ssir tajba ħafna biex tingħata lill-għasafar. Taħlita xotta għall-ekri jrid ikun fiha skalora bajda, perilla, żerriegħa tal-ħass, tal-kittien u diversi żrieragħ oħra żgħar kif ukoll pellets. Waqt l-istaġun tat-tnissil, kif nagħlef l-għasafar kollha tal-għana, il-parti l-kbira tad-dieta tkun tikkonsisti fi żrieragħ imnibbta mħallta ma' ftit *egg food*. Ma' din it-taħlita nħallat xi ftit piżelli miż-żgħir nett u insetti tal-friża *pinkies* u *buffalo worms*. B'din it-taħlita wieħed jista' jserraħ rasu li l-għasfur ma jkun jonqsu xejn biex ibejjet u jnissel l-frieħ. Dieta bħal din tikkonsisti f'ħafna proteini u għalhekk l-għasfur jiġi f'kondizzjoni perfetta għall-*breeding* u meta jfaqqsu l-frieħ, jikbru malajr u jaqbżu dawk l-ewwel erbat ijiem l-aktar kruċjali bla problemi.

L-ekri nisa kemm ukoll l-irġiel ħafna drabi huma ġenituri tajbin ħafna u jżoqqu ħafna lill-frieħ tagħhom. L-irġiel meta jkunu tajbin jkunu jżoqqu ħafna normalment, però ġieli jikkawżaw ftit inkwiet bħal ikissru jew itaqqbu l-bajd jew jarmu l-frieħ mill-bejta. F'dan il-każ wieħed ovvjament irid jifred ir-raġel jew jibdlu.

L-ekru mhux għasfur daqshekk delikat u jiena ma jkollix għalfejn nagħti antibijotiċi waqt it-tibdil. Imma f'każ li tara lil xi għasfur qed isofri minn *going light*, jiġifieri li jinħataf, tista' tagħti antibijotiku għal kontra il-koċċidjosi bħall-*baycox*, sulfa jew mediċina oħra għall-koċċi.

Għal min jixtieq jesebixxi u jikkompeti bl-ekri jrid jipprova dejjem inissel għasafar kabbarin u f'forma ittondjati (type tajjeb), b'kulur intensiv. Fl-irġiel, apparti l-isfar, irid ikollhom ftit strixxi suwed fil-ġenb u jrid ikollhom ħannieqa sewda taħt il-munqar. In-nisa apparti l-istess forma sabiħa jrid ikollhom ħafna strixxi (markings) suwed mill-ġenb għan-nofs.

Meta wieħed inissel minn kwalunkwe għasfur tal-għana huwa sodisfazzjon kbir. Nista' nassigurakom li meta wieħed jara l-frieħ f'bejtiet ta' ħamsa jikbru u jaqbżu mill-bejta huwa sodisfazzjon kbir ħafna. Daqstant ieħor huwa ta' sodisfazzjon tara l-frieħ imbiddlin wara li joħorġu. Jiena nħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu dan l-għasfur biex isegwi dawn il-pariri ġenerali u ma jaqtax qalbu jipprova jnissel minn dawn l-għasafar.











# Tużax Speċi Aljeni Invażivi



*Tropaeolum majus*
il-kaboċċinella



*Acacia saligna*
l-akaċja



*Mesembryanthemum cordifolium*
widnet il-ħanżir



*Pittosporum tobira*
il-pittosporum



*Leucaena leucocephala*
l-albizzja



*Carborotus* spp.
is-swaba' tal-Madonna

Speċi aljeni invażivi għandhom impatt ħażin fuq l-ekosistemi tagħna, għalhekk m'għandhomx jintużaw.



*Erica multiflora*
l-erika



*Pistacia lentiscus*
id-deru



*Hedera helix*
il-liedna



*Rosmarinus officinalis*
il-klin



*Laurus nobilis*
ir-randa



*Tetraclinis articulata*
is-siġra tal-għargħar

# Uża Speċi Lokali

ERA
Environment & Resources Authority

Speċi lokali jgħinu u jsaħħu l-bijodiversità. Dawn għandhom jintużaw fejn possibbli.

# ĦXEJJEX MEDIĊINALI W AROMATIĊI

✍ minn Mario Joseph Salerno

li ġie ppubblikat fil-ktieb Biedja Organika għall-Ġejjieni Sostenibbli

F'Malta nsibu bijodivesita wiesa' ta' ħxejjex mediċinali w aromatiċi li jintużaw fl-industrija tal-farmaċewtika li jgawdi l-bniedem minhom imma wkoll fix-xjenza veterinarja li jfejjqu l-annimali. L-użu ta' ċertu ħxejjex huma limitati jew inkella huma illegali biex jitkabbru, imma l-bniedem għandu għażla kbira ta' letteratura u volum kbir ta' informazzjoni anke grazzi tal-era elettronika fejn bis-saħħa tal-internet issib kważi kull tip ta' informazzjoni fuq kull tip ta' pjanta.

Bħala ħwawwar komuni, fjuri, frott u pjanti li jaqdu l-iskop tas-saħħa li kultant il-bniedem jissorprendi lilu nnifsu fuq: anti-inflammazzjoni, anti-fungi, repellant kontra l-insetti bħal nemus, anti-septiku, anti-bakterja, detoxxifikazzjoni, tnaqqis ta' deni, anti-histamina u tnaqqis ta' uġigħ.

Fl-antik kien hemm ħafna interess fuq l-użu tal-pjanti mediċinali fejn kien hemm ħafna Maltin li kienu jmorru jfittxu kura ġewwa r-raħal tal-Għarb, fejn Frenċ tal-Għarb kien jagħti pariri fuq l-użu tal-ħxejjex mediċinali w aromatiċi. Illum dan ir-raġel sar sinonimu mar-raħal.

Jekk inħarsu lejn l-akbar pajjiż sinjur tad-dinja l-Istati Uniti tal-Amerika, insibu li bħal Malta hemm pjanti li huma illegali fosthom il-ħaxixa tal-qanneb meta tintuża għall-pjaċir.

Fl-imgħoddi meta l-ħaxixa kienet legali fl-Amerika u kienet fost l-ewwel uċuħ mkabbra fir-raba' fi żmien George Washington ukoll t-tieni wiċċ mkabbra fi żmien Thomas Jefferson, kif meta wkoll li d-dikjarazzjoni tal-indipendenza Amerikana nkitbet fuqha.

Anke il-Bibja ta' Gutenberg ġiet pprintjata fuq il-marwana. Ħafna mill-benefiċċji tas-saħħa huma dokumentati u jitfgħu dawl fuq fejqan ta' depressjoni, anżjeta, pressjoni għolja tad-demm li titbaxxa, trattament ta' glaucoma, tnaqqis ta' uġigħ waqt li ma toqtolx iċ-ċelloli tal-moħħ. Hadd ma kien jaħseb sa s-seklu 20 li hija droga iebsa!

Il-qanneb kif hija magħrufa bil-latin – Cannabis sativa jekk tkun ingaljata iż-żerriegħa u tingħata bħala għalf lil għasafar tal-għanna, il-liġi ma tinkisirx jekk tinstab iż-żerriegħa mhix imsajjra, għaliex din ma tistax tinbet jekk tinżera'.

Bħala xitla, il-qanneb tixbah ħafna lill-kittien, fejn għandha fibra tat-tilju li jagħmilha rivali għall-użu tal-art mal-qmuħ. Il-qanneb jeħtieġ ammont kbir ta' fertilizzant tan-Nitroġenu, madwar 80 sa 120kg N kull ettaru. Billi titlob ammont għoli tan-nitrat, din il-pjanta tista' wkoll tilgħab pedina importanti fit-tnaqqis tad-demel sinjur fin-nitrat bħal dak tat-tiġieġ, aparti li din il-pjanta sabet postha fil-qasam mediku li għaliha hemm domanda kbira fil-preżent ġewwa l-Kanada u f'Kalifornja.



Għall-istorja, tajjeb li wieħed ikun jaf li fl-UE setgħu jitkabbru biss varjetajiet imnissla bil-kultivazzjoni li jkollhom anqas minn 0.2% tetra-hydro cannabinol (THC), il-komponent narkotiku tal-qanneb. Studji u riċerka fuq ġenetika wiesa' tal-pjanta għadhom sejrin fejn jidher li hemm kompetizzjoni bejn il-manifatturi tal-mediċina tal-Cannabis biex jintużaw għal xi fejqan tal-bniedem barra li jistgħu inaqqsu minn tbatija f'mard terminali.

Il-pjanta tal-cannabis tinżel sa żewġ metri l-isfel fil-ħamrija u tieħu in-nitrat fil-qiegħ tal-għalqa biex b'hekk tevita li jkun hemm xi nżul tan-nitrat ġewwa l-akwafer tal-ilma.

Fir-rotazzjoni tal-uċuħ, il-qanneb għandu postu wara s-silla jew xi ħxejjex tal-borma u meta jinħasad, jitħalla ħafna residwi tal-pjanta li jżid il-humus tal-ħamrija, li hija tant nieqsa f'pajjiżna. Madankollu, din il-pjanta hija mħarrsa mill-liġi u l-permess huwa biss biex titkabbar għall-użu mediku biss. Min ikabbar il-qanneb irid ikollu il-permess u ssorveljat. Bħal pjanta oħra, il-qanneb jimrad u għandu l-għedewwa insetti tiegħu imma jekk jitkabbar fis-serra fejn l-ambjent ikun ikkontrollat, allura l-affarijiet ikunu differenti minn meta tkun imkabbra fil-miftuħ.

L-għeruq tal-qanneb inaqqas drastikament in-niġem u x-xewk. Dan iseħħ jekk il-qanneb jissaqqa' u jieħu n-nutrijenti kif suppost għaliex jikber b'saħħtu li jkisser il-ħaxix salvaġġ bħal niġem, lellux u x-xewk. Bħala densita taż-żriegħ huwa rakkomandat li tuża 40 kg fl-ettaru art ta' naqra aktar sabiex ikun hemm tferrix tal-għeruq fl-għalqa kollha u b'hekk ikun hemm pressjoni fuq il-ħxejjex slavaġġ li mhux mixtieqa mill-bidwi. Qabel ma tinżera, il-ħamrija trid tkun imnadfa minn ħxejjex slavaġġ, u t-tiera tal-ħamrija trid tkun qawwija li tispunta mill-ewwel iż-żerriegħa tal-qanneb qabel ma jinbtu ż-żerriegħa tal-ħaxix salvaġġ. La darba tikber u tgħolla l-pjanta tal-qanneb, hija tgħaffeġ kull tip ta' ħaxix li jinbet warajha.

L-użu industrijali tal-fibra tal-qanneb ilu magħruf mijiet ta' snin, u fl-Ewropa tkabbar għal produzzjoni tal-fibra li l-medja tagħha hija xi 20 cm twil. Din il-fibra tintuża fit-tinsiġ tad-drapp u l-industrija tat-tessuti tużah ħafna għax il-fibra hija b'saħħitha u tixbah l-għażel. Twappet u drappijiet jużaw il-fibra tal-qanneb għaliex hija resiljenti u iebsa li ssaħħaħ il-materjal.

Il-felċa r-ratba (lady fern) hija fost il-pjanti lil weraq fini tagħha jipproduċu żjut, meta wieħed jaqbad il-weraq u jgebbhom bejn idejh biex jgħassar iż-żjut mill-weraq li jfejjaq il-ħruq ta' xi tingiża ta' żunżan jew inkella ħruq ta' xi ħurrieq jew xewk. Xi qasma jew xi tinkisa tfieq b'dawn iż-żjut u jekk wieħed ikun viċin il-baħar jista' juża wkoll l-ilma tal-baħar kontra xi tingiża taż-żunżan.

Il-poppy li hija magħrufa bħala l-pjanta tal-opju għandha effetti fuq tfal aġitati u bħala nsibu n-nannieġħ li jissajjar mat-te aħdar li għandu wkoll effetti kontra inflammazzjoni tal-griżmejn. In-nannieġħ huwa wkoll użat biex jikkalma t-tfal bħalma għandu l-effett tal-poppy l-isfar, imma wkoll jintuża kontra l-uġigħ ta' ras, innaqqas l-għejja u jikkalma l-istonku.

Insibu f'pajjizna ħafna Maltin li jemmnu ukoll fix-xarba tal-Kammomila. Tgħin lil bniedem biex jorqod aħjar. Bħal Kammomila nsibu s-silla l-ħamra, li titkabbar bil-kbir f'pajjizna u li normalment naghtuha lill-annimali bħal baqar u żwiemel. Is-silla l-ħamra hija detossikant eċċellenti u tnaddaf id-demm.

Ħwawwar oħra li jitkabbru fuq il-muntanji griegi huma l-origano u l-marjoram – li l-Griegi jsibuhom bħala il-Ferħa tal-Muntanja. Il-valur mediċinali, it-togħma u l-kompozizzjoni tagħhom huwa mfittex f'pajjiż iehor tal-Mediterran bħal Franza li jintuża bħala xarba diġestiva, imma wkoll kontra xi fungu jew bakterja. L-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem kienu minn dejjem osservati f'diversi pajjiżi u minn dejjem il-bniedem tgħallem juża l-partijiet tal-pjanti mediċinali għaliex fuq l-istess pjanti kien hemm biċċiet li ma kienux jittieklu. Eżempju klassiku huwa l-Quinine Salvaġġ li hija pjanta potenti fejn tintuża fil-mediċina alternativa biex titratta debilita, għejja, infezzjoni respiratorja, infezzjoni gastro-intestinali u mard venerjali. IMMA l-għeruq u l-fjuri tal-Quinine jista' jittiekel u mhux il-partijet l-oħra tal-pjanti. Wieħed irid ikun jaf x'qed jagħmel ! F'Malta titkabbar is-siġra tat-Tut. Il-weraq u l-friegħi tas-siġra tat-Tut kienet minn żmien il-qedem tal-Amerikani Indiġeni, ta' żmien l-Indjani tintuża għal fejqan tal-feriti waqt li l-frott għandu karatteristiċi li jfejjaq id-dijarejja, disinterija u xi infjammazzjoni fil-ħalq. Il-jam tat-Tut għandu ħafna vitamini u anti-ossidanti.

L-istess effett għandha s-Salvja li hija meqjusa bħala pjanta ta' valur u llum titkabbar b'mod ħieles fit-toroq ta' pajjizna (mingħajr ma tiġi misruqa). Is-salvja hija sorz ta' ikel fost l-aqwa benefiċjali tas-saħħa fid-dinja. L-istess isem xjentifiku tagħha Salvia officinalis ġej mill-latin "salvere" – li tkun salvat! Is-salvja kienet tintuża wkoll biex tippreserva il-laħam qabel ma ivvintaw il-fridges. Is-salvja tgħin id-diġestjoni, tnaqqas il-bukawiċ, tiġġieled il-mard ta' xi riħ kif ukoll tfejjaq xi qasma jew xi ħruq fuq il-ġisem.

L-Alfalfa hija pjanta antika tal-Mediterran li kienet inferxet fl-Amerika u f'pajjizi 'l bogħod għaliex kellha użu kontra taqlieġħ ta' filgħodu, nawsja, il-ġebla tal-kliewi, l-uġigħ tal-kliewi, u anke xi skumdita tal-awrina. Il-pjanta għandha effett djuretiku u xi ftit poter stimulanti. L-alfalfa huwa sinjur fil-minerali u fin-nutrijenti bħal proteini. Tnaddaf il-fwied u tlaħlaħ l-imsaren waqt li fuq medda fit-tul tnaqqas il-kolesterol. Wieħed jista' jiekol il-weraq direttament mill-għalqa. Fil-preżent din il-pjanta titkabbar bħala mgħallef u timxi sewwa f'pajjizna speċjalment f'sena skarsa mill-ilma bħalma ġara din is-sena 2017. In-nuqqas tal-ilma jaffettwa dejjem l-iżvilupp tal-pjanti.

Bħalma hija mfittxija ħafna l-Alfalfa, hemm ukoll il-Ħobbejża – Malva spc, li barra li tintuża fil-qasam tax-xjenza veterinarja, il-ħobbejża għandha postha wkoll fuq l-ixkaffef tat-te. Xarba tat-te magħmul mill-ħobbejża għandu effetti daqs li wieħed kien ħa xi tewm. It-tnejn li huma għandhom posthom fil-qasam veterinarju u jgħinu ħafna lill-annimali biex jirkupraw anke minn xi perjodu ta' stress li jkun kawża ta' fatturi abjotiċi bħal xemx qawwija bi shana kbira w oħrajn. Kultant l-annimali jkollhom xi imġieba aggressiva imma l-użu tal-qamħarrun jgħin ħafna biex inaqqsilhom mit-tempra.

Ħafna awturi jsostnu li l-prattiċi ethnomediċinali huma l-istess għall-bhejjem u għall-bnedmin, kemm jekk hux fil-forma ta' administrazzjoni tal-materja medika, fejn jintużaw l-istess materjali jew inkella waqt xi operazzjonijiet, imġieba, mekanika jew prattiċi mediċi reliġjużi.

L-awtur Schillhorn van Veen fl-analiżi kurrenti u storiku li għamel fuq it-tixbieh taż-żewġ mediċini, jissuġġerixxi il-konvenjenza u l-applikazzjoni ta' kunċent – wieħed ta' integrazzjoni ta' mediċini tal-annimal u tal-bniedem.

F'Malta insibu li 92% mill-pjanti mediċinali maltin qatt ma ġew xjentifikati investigati. Madankollu, l-istudji juru li għandna pjanti mediċinali w aromatiċi Maltin li huma attivi kontra mard terminali, kroniku w akut. Hemm interess li fil-qasam tal-farmakoloġija, jkun hemm xi iniżjattiva li jipproduċu fuq skala kbira il-produzzjoni tal-metaboliti attivi bl-iskop li jrendi ritorn finanzjarju lejn dawk il-persuni lokali li jkabbru dawn it-tip ta' ħxejjex li għandhom tant valur u li tant jistgħu jagħmlu ġid lill-umanita.

Il-pjanti mediċinali għandhom il-metaboliti li minnhom issir id-duwa. Skont in-natura tal-metaboliti, l-ekstrazzjoni ssir fiż-żjut jew fl-alkoħol inkella fl-ilma. F'kapitlu 2 hemm aktar dettalji fuq diversi metodi ta' kif wieħed għandu jieħu l-metaboliti sekondarji għal għan kummerċjali.

# IL-KAĊĊA F'MALTA FIS-SEKLU SITTAX SAS-SEKLU TMINTAX: APPROĊĊ ANTROPOLOĠIKU STORIKU

Estratt mill-istudju tal-Prof. Carmel Cassar 'Hunting and Game in Malta…' ippubblikat fil-*Journal of Mediterranean Studies* vol. no. in 2018, pp.

It-tmexxija tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1798) f'Malta taħbat mad-dikjarazzjoni ta' regolamenti stretti li kienu ħarġu Gran Mastri suċċessivi biex irażżnu d-drittijiet tal-insib u tal-kaċċa. Għall-kavallieri li kienu jmexxu 'l Malta, u għall-Maltin ta' klassi għolja, il-kaċċa kienet titqies essenzjalment bħala sport u passatemp, imma l-kaċċa kienet tfisser xi ħaġa differenti għall-maġġoranza tal-popolazzjoni, speċjalment għan-nies li kienu jgħixu fil-kampanja. Għan-nies tal-kampanja, il-projbizzjoni tal-kaċċa kienet tfisser li kienu mċaħħda minn aċċess għal provvista rħisa u abbundanti ta' laħam, kif ukoll kienet tfisser ċaħda mid-dritt leġittimu tagħhom għall-użu ta' art pubblika. Ir-revoka tar-regolamenti stretti tal-kaċċa mill-Ingliżi fil-bidu tas-seklu dsatax kienet barka għall-popolazzjoni rurali. Iżda maż-żmien, il-kampanjoli ma baqgħux iqisu l-annimali tal-kaċċa bħala sors ta' proteina u għalhekk, il-kaċċa ma baqgħetx meqjusa bħala neċessità. Tul il-ħakma Ingliża, il-kaċċa saret passatemp li kien jitgawda minn raħħala rġiel li biddluha fl-iżjed sport rurali popolari f'Malta.

Matul it-tmexxija aristokratika tal-Ordni ta' San Ġwann, il-kaċċa, bħalma kien il-każ f'pajjiżi Ewropej oħrajn u fil-Mediterran, kienet l-attività sportiva ewlenija tan-nobiltà u tas-sinjuri. Għal din ir-raġuni, fil-fehma tagħhom, l-annimali tal-kaċċa kellhom ikunu protetti għalihom biss sabiex ikunu jistgħu jgawdu l-isport tagħhom – fehma li wasslet għal tgħaddib kbir bejn dawk li jmexxu u dawk immexxija. Iżda f'għajnejn in-nies tal-kampanja, la kienet legali u lanqas illegali li wieħed jieħu vantaġġ tar-riżorsi pprovduti min-natura. Dan sempliċiment kien dritt 'naturali u leġittimu'. Jidher li kienet teżisti l-fehma ġenerali li l-għasafar, il-fenek salvaġġ u organiżmi salvaġġi oħrajn fil-kampanja bħal pjanti u bebbux kienu disponibbli għal kulħadd irrispettivament mir-restrizzjonijiet tal-awtoritajiet.



Fl-istess ħin, il-kaċċa ta' spiss kienet assoċjata mal-kapaċità ta' raġel irrispettivament minn jekk kienx sinjur u kellux poter, jew fqir u vulnerabbli. Bħalma ta' spiss hu l-każ anke llum il-ġurnata, jidher li dak iż-żmien dan l-isport kien marbut mal-maskulinità kemm fuq livell storiku kif ukoll fil-kultura popolari. Wieħed allura jista' jargumenta li dak li oriġinarjament kien jitqies bħala kompetizzjoni mill-għasafar salvaġġi u l-fenek salvaġġ 'mal-bniedem għar-riżorsi tal-art' (Thomas 1984: 274- 275) biż-żmien kienet inbidlet f'passatemp popolari mal-kampanjoli. Fil-fatt, il-kaċċa li normalment titqies bħala attività tipikament maskili (Marks 1991) ta' spiss titqies bħala passatemp fejn l-irġiel jaraw kif juru l-maskulinità tagħhom permezz ta' teknoloġiji li jimmedjaw it-tifsiriet tal-attività (Hirschman 2003; Schroeder & Zwick 2004). L-arma ssir aspett tal-persuna estiża peress li tagħti lill-utenti l-abbiltà li joqtlu, irrispettivament mid-dehra fiżika tagħhom (Belk 1988). Għalhekk, l-arma, u tagħmir ieħor tal-kaċċa, kienu jgħinu biex titnissel fil-kaċċaturi sens ta' stima lejhom infushom. Kollox ma' kollox, l-epitaffju fil-bidu ta' din il-ktiba jitkellem fuq il-qlubija u l-kapaċità taż-żagħżugħ mejjet f'termini li jistgħu jinftiehmu perfettament minn kaċċaturi kemm dak iż-żmien kif ukoll illum il-ġurnata. Jeżistu bosta każijiet li jistgħu joffru għarfien interessanti fuq perċezzjonijiet dwar attivitajiet tal-kaċċa meħuda minn soċjetajiet kontemporanji oħra barra mill-ixtut Mediterranji. Studju li sar minn L.M. Bye (2003) dwar kaċċaturi fin-Norveġja jeżamina l-kaċċaturi rurali li jgħaqqdu flimkien ideat ta' maskulinità u l-identità rurali b'kuntrast ma' kaċċaturi urbani.

F'dan il-każ, ġuvintur jiddaħħlu fil-komunità lokali tal-irġiel permezz tal-kaċċa tal-elk. Bye jeżamina kif dawn il-kaċċaturi lokali bnew mill-ġdid in-nozzjonijiet tagħhom tal-identità maskili rurali b'kuntrast mal-invażuri urbani minħabba li huma kburin bil-kapaċità u paċenzja tagħhom u dwar kemm jafu jieħdu ħsieb l-art. Il-kaċċa tgħin l-irġiel biex jiżviluppaw maskulinità li tafferma r-rabtiet rurali tagħhom. Bye jikkonkludi li għal din ir-raġuni, il-kaċċa hija intrinsikament minsuġa ma' tradizzjonijiet familjari rurali u twassal għal rabtiet soċjali mill-qrib bejn l-irġiel liema rabtiet jiffurmaw b'mod faċli.




Fil-każ ta' Malta, il-kaċċa tidher li żammet il-karattru aristokratiku tagħha, għall-inqas sal-aħħar tas-seklu tmintax. Sa dak iż-żmien, il-bdiewa kampanjoli kienu jsostnu li l-kaċċaturi kienu jikkawżaw ħsara estensiva lill-uċuħ tar-raba' tagħhom filwaqt li l-għadd kbir ta' annimali salvaġġi kienu jikkawżaw ħsara lill-ħxejjex tal-art tagħhom. Il-kaċċa, essenzjalment, baqgħet sport għal dawk ta' klassi għolja filwaqt li fl-istess ħin, għall-bdiewa, kienet sors irħis ta' proteina.



Jidher li l-Ingliżi, konxji ta' reżistenza potenzjali min-nies tal-kampanja, kif ukoll fl-istess ħin fix-xewqa tagħhom li jħeġġu l-kampanjoli biex jingħaqdu mal-militar, mhux biss ippermetta l-kampanjoli biex jikkaċċjaw b'mod liberu ftit ta' żmien wara li l-Ingliżi stabbilixxew ruħhom f'Malta, imma anke elimina l-idea ta' staġun magħluq li kienet teżisti qabel. Bħala konklużjoni, wieħed jista' jgħid li l-Ingliżi għenu biex jippromwovu l-kaċċa fuq skala akbar. B'hekk, il-ħakkiema kolonjali Ingliżi mhux biss żiedu l-popolarità tagħhom mal-kampanjoli iżda kienu wkoll qed jgħinu lill-kampanjoli biex jitharrġu fl-użu tal-armi f'każ ta' reżistenza kontra kwalunkwe invażur barrani. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-bidliet setgħu poġġew aktar pressjoni fuq l-ammont eżistenti ta' annimali tal-kaċċa, fejn ta' mill-inqas xi ftit mill-ispeċi ġew meqrda mill-estinzjoni.







# IL-KELB TAL-KAĊĊA TA' MALTA NIPPRESERVAW IL-PATRIMONJU KULTURALI

minn Dr. James Galea

Fid-dinja tal-lum fejn il-globalizzazzjoni qiegħda dejjem tiżdied u fejn il-patrimonju kulturali qiegħed dejjem jonqos minħabba l-modernizzazzjoni, l-FKNK bħal dejjem ħasset il-ħtieġa li tkun minn ta' quddiem biex tippreserva u tkattar il-kultura Maltija.

Dan sar f'diversi aspetti ta' konservazzjoni avjarja, tkattir u preservazzjoni ta' msaġar u artijiet, kif ukoll edukazzjoni għall-membri fi ħdan il-federazzjoni u l-pubbliku inġenerali.

Din is-sena kelli l-unur li l-FKNK flimkien mal-membri tal-kumitat, u l-membri tal-kelb tal-kaċċa ta' Malta ħatarni bħala *chairman* ta' dan il-klabb. Jien ilqajt b'sodisfazzjon din il-kariga fejn qiegħed inwiegħed impenn u ħidma biex inkomplu nippreservaw u nkattru l-għarfien ta' razza unika u indiġena għal Malta.

Il-kelb tal-kaċċa ta' Malta huwa kelb li ilu jeżisti għexieren ta' snin, imma sfortunatament qatt ma ngħata l-attenzjoni meħtieġa biex nippreservaw u nkattru dan il-kelb. L-FKNK sawret il-klabb ta' dan il-kelb fl-2010 fejn bdew isiru r-reġistrazzjonijiet tal-klieb u anki jsiru elenki tal-individwi biex ikollna rekords dettaljati. Bdew anki jsiru *pedigrees* biex b'hekk bdejna naraw il-ġeneoloġija ta' kull kelb li jitwieled.

Fl-2015 xprunajt l-idea li qabel nibdew naraw kif ħa nippreservaw il-kelb tal-kaċċa Malti, ridt nistabbilixxi l-purità ġenetika ta' din ir-razza, kif ukoll jekk nistgħux inqisu l-kelb Malti bħala razza unika u indiġena għall-pajjiż ċkejken tagħna. Fil-fatt nedejt studju b'kollaborazzjoni mal-veterinarju Dr Martin Debattista, kif ukoll bl-għajnuna tal-FKNK, fejn ħadna diversi kampjuni ġenetiċi minn diversi klieb. Dan sar waqt attività ta' *show* imniedi mill-federazzjoni waqt l-Imnarja. Dawn il-kampjuni ntbagħtu l-Ingilterra fejn intwera biċ-ċar li l-kelb tal-kaċċa ta' Malta għandu purità ġenetika għolja u li jista' jitqies bħala razza unika għal pajjiżna kif ukoll fid-dinja.

Dan ir-riżultat ikkonferma dak li xtaqna u minn hemm stajna nibdew inkabbru aktar ir-rikonoxximent ta' din ir-razza partikolari.

Issa li nħtart f'din il-kariga nħossni f'dover lejn il-*breeders* ta' din ir-razza li b'tant dedikazzjoni ħadmu biex ikomplu jżidu l-popolarità fost il-Maltin u anki fost il-barranin. Inħoss dover ukoll lejn l-FKNK li dejjem għożżot il-patrimonju kulturali Malti u anki nħoss dover għall-futur ta' wliedna li nħallu dak kollu li hu Malti ma jintilifx. Inħoss li l-pass li jmiss, għalkemm diffiċli u ħa jsir fuq diversi snin, hu li nirrikonoxxu din ir-razza fuq ix-xena internazzjonali mal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Klieb, l-FCI.

Għal dan il-għan se jitniedu diversi proġetti fix-xhur u snin li ġejjin. Dawn jinkludu:

- Diversi *shows* b'ġurija barranija li ħa jkunu mnieda mill-FKNK sabiex inkabbru l-għarfien ta' dan il-kelb.
- Pubbliċità akbar fuq mezzi tat-televiżjoni u skejjel biex nagħtu aktar informazzjoni għall-pubbliku.
- B'kollaborazzjoni mal-entitajiet tal-klieb Maltin u l-'Istandards Comission' tal-FCI se jiġi studjat standard morfoloġiku għal din ir-razza. Dan ħa jsir bl-għajnuna ta' *judges* esperti barranin li ħa jgħinuna noħolqu dan l-istandard b'format li jkun aċċettat mill-FCI.
- Nimmodernizzaw ir-reġistru nazzjonali ta' kull kelb tal-kaċċa ta' Malta, sabiex inkunu nistgħu noħolqu *pedigrees* akkurati u ta' ġenerazzjonijiet diversi.
- Nagħmlu ċensiment ta' kull kelb li jeżisti ġewwa Malta u anki jekk hawn xi klieb ta' din ir-razza barra minn xtutna.
- Noħolqu reġistru ġenetiku ta' kull kelb li jista' jipprokrea ħalli nkunu nistgħu noħolqu 'Lineage' aħjar u *pedigrees* dettaljati.
- Nedukaw aktar lill-*breeders* sabiex jagħmlu għażliet ibbażati fuq karatteristiċi u saħħa.
- Isir studju xjentifiku minn veterinarji biex jiġu stabbiliti l-problemi ta' saħħa ta' din ir-razza, fosthom il-*hip dysplasia* u l-epilessija.
- Flaħħar nett wara snin ta' preparazzjoni napplikaw għal rikonxximent totali mal-FCI.

Dawn huma proġetti ambizzjużi u ta' ħidma kbira. Nappella lil kull min għandu kelb tal-kaċċa ta' Malta biex jersaq 'il quddiem u jagħti sapport għall-inizjattivi tagħna għall-ġid tar-razza u għall-preservazzjoni tagħha.

# IN-NAĦAL GĦANDU BŻONN JIEKOL BIEX AĦNA NIEKLU

minn Victor Busuttil

In-naħal tal-għasel huwa rikonoxxut mad-dinja kollha għax-xogħol indispensabbli li jagħmel fin-nisġa ekoloġika tant li n-naħal ġie ddikjarat bħala l-iktar ħlejqa importanti fid-dinja u għaldaqstant bdejna niċċelebraw il-Jum Dinji tan-Naħla fl-20 ta' Mejju. F'Malta, in-naħal jaffaċċja theddid pjuttost differenti minn pajjiżi oħra fid-dinja speċjalment dik tat-telfien tal-abitati naturali tiegħu b'rata mgħaġġla u b'mod permanenti. Filwaqt li l-art




agrikola tista' tħaddan fiha attività agrikola/rurali differenti skont il-bżonn, il-bidla minn art argikola għal waħda ta' wċuħ tal-konkos jew asfalt huma iktar ta' dannu irriparabbli. In-naħal tal-għasel apparti li jdakkar il-fjuri ta' diversi prodotti agrikoli bħal fosthom naspli, frott tal-għadma, ċitru, ful, u bħajra, huwa responsabbli wkoll għad-dakra ta' diversi fjuri oħra li l-frott/miżwed tagħhom huwa ikel għal ħlejjaq oħra jew inkella joffru kenn għal dawn il-ħlejjaq fosthom il-ħarrub u s-silla. Ta' min ngħidu wkoll li ż-żerriegħa wkoll hija frott tad-dakra u għaldaqstant kull siġra, arbuxxell, u pjanta li naraw, teżisti bis-saħħa tad-dakra, li apparti min dakkarha, jaf issir ukoll bir-riħ. Fost dawn il-pjanti nsibu dawk slavaġ li jikbru waħedhom u jsebbħu l-ambjent naturali anke bil-fjuri tagħhom jekk nagħtuhom iċ-ċans.

Il-fjuri tal-ħaxix selvaġġ li ħafna minnhom jiffjorixxu fl-istaġun tar-rebbiegħa jservu bħala sors ta' ikel kompost minn nektar u t-trab tad-dakra għal ħafna fawna lokali, fosthom in-naħla tal-għasel. In-nektar (likwidu) huwa bżonnjuż għall-karboidrati biex l-insetti jkunu jistgħu jgħixu u jagħmlu xogħolhom (jiġbru l-ikel u jdakkru) ta' kuljum. It-trab tad-dakra (solidu) huwa sors ta' proteini li ħafna mid-drabi jintuża fl-iżvilupp tal-insett u biex jkollu saħħa jiddefendi ruħu. L-iżvilupp mhux sostenibbli qed jwassal għal telfien ta' abitati tan-naħal bla preċedent speċjalment minħabba d-daqs limitat tal-gżejjer Maltin flimkien man-nixfa li saret ukoll sinonima mal-pajjiż. Fl-istess ħin fiż-żoni rurali Maltin ħafna drabi jitkabbru pjanti bħall-qamħ li joffru ftit li xejn lid-dakkara. Il-flora li tradizzjonalment insibuha fil-passaġġi rurali sservi wkoll bħala post ta' kenn, ikel u bħala abitat għal ħlejjaq żgħar oħra fin-nisġa ekoloġika. L-għeruq ta' dawn il-pjanti jżommu l-ħamrija milli tinġarr bix-xita u r-riħ u għaldaqstant jgħinu sabiex jinkiseb iktar bilanċ fil-bijodiversità lokali.



Għaldaqstant il-pjanti slavaġ huma sors importanti ħafna għad-dakkara u l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta VO 1527 (MBKA) ħasset il-ħtieġa li tippreżenta inizjattiva lill-kunsilli lokali kollha biex jipproteġu dawn is-sorsi ta' ikel għan-naħal. Dan il-ftehim beda jintlaqa' mill-kunsilli lokali li jintrabtu li jħallu l-ħaxix selvaġġ fil-passaġġi rurali bejn it-30 ta' Novembru u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara u b'mod rikorrenti. Dan ukoll ifisser li l-istess ħaxix ikun jista' jinqata' meta jinxef biex jitnaqqas il-periklu ta' nirien fi żminijiet ta' nixfa. In-nirien mhux kontrollati jikkaġunaw ħsara kbira fl-ekoloġija. Fl-istess waqt, l-MBKA għadha taħdem fuq il-lista ta' flora li hija tajba għan-naħal tal-għasel li għandha l-għan li ssaħħaħ il-flora eżistenti għaliex in-naħal tal-għasel jippreferi jmur fuq fjuri li jsib f'abbundanza b'kuntrast ma' dak li huwa f'minoranza. Din il-lista hija aċċessibbli mis-sit https://www.maltabeekeepersassociation.com/ u tiġi aġġornata skont il-bżonn.



Kull min għandu spazju għal xi pjanti/siġar, tajjeb li jikkunsidra jkabbar xi ħaġa minn din il-lista u jekk jista' jkun jifhem x'hemm fil-madwar biex iżid iktar minn dak li hemm diġà u li jinsab ukoll fil-lista. Biex nagħtu iktar indikazzjoni speċifika anki fuq l-ispazji miftuħa mar-residenzi jistgħu jitkabbru xi pjanti tajbin kemm għad-dakkara kif ukoll għall-ikel bħal nagħniegħ, ħabaq, sagħtar, klin, spika, riegħnu selvaġġ, u salvja. Jekk l-ispazju disponibbli jifla pjanti ikbar minn dawk msemmija qabel, wieħed jista' jikkunsidra Metrosideros excelsa, Teucrium fruticans (Żebbuġija), Medicago arborea (Siġret in-nefel ), Leucophyllum frutescens, Echium candicans.

Għalkemm in-naħħal jieħu ħsieb in-naħal bla waqfien, il-qtugħ tal-għasel mhux dejjem qed ikun garantit minħabba raġunijiet varji kif elenkajna qabel. Is-sengħa tal-apikultura f'Malta għandha tradizzjoni ta' eluf ta' snin u hi parti mill-patrimonju Malti għalhekk xieraq li l-prodott lokali jkun salvagwardjat minn kull abbuż. Għaldaqstant, bis-saħħa ta' inizjattiva oħra mnedija mill-MBKA, l-għasel ġenwin li ġej min-naħal tal-għasel u prodott lokalment ser jiġi identifikat b'tabella unika bl-emblema tal-MBKA li tiggarantixxi l-ġenwinità tal-prodott. Dak l-għasel bit-tabella huwa suġġett għal analiżi f'laboratorji indipendenti akkreditati flimkien ma' verifikazzjonijiet li tagħmel l-MBKA stess. B'hekk l-MBKA ser tkun ukoll punt ta' referenza għall-konsumatur tal-għasel lokali fejn wieħed jista' jressaq xi kummenti biex fejn ikun hemm bżonn u jkun possibbli tittieħed azzjoni. Ser tkun ippubblikata wkoll lista ta' produtturi awtorizzati fuq: https://www.maltabeekeepersassociation.com/authorised-producer .

# SPEĊI ALJENI INVAŻIVI



**mill-Awtorita' għar-Riżorsi u għall-Ambjent (ERA)**

Il-Gżejjer Maltin għandhom firxa diversa ta' speċi indiġeni, li wħud minnhom ma jinsabu imkien ieħor fid-dinja. Speċi uniċi bħal dawn jissejħu endemiċi; dawn jikkontribwixxu b'mod siwi għall-wirt naturali ta' pajjiżna. Xi speċi endemiċi huma wkoll mhedda peress li jeħtieġu kundizzjonijiet u ambjenti speċifiċi.

Il-bijodiversità minnha nnifisha hija dinamika u tinbidel maż-żminijiet. Iżda f'dawn l-aħħar snin id-dinja rat bidliet drastiċi, l-aktar minħabba l-intervent tal-bniedem. Il-limitazzjoni tal-art, kif ukoll il-popolazzjoni tal-gżejjer, fihom infushom joffru sfidi partikolari għall-speċi indiġeni u l-ambjenti naturali ta' pajjiżna. Minħabba n-natura insulari tagħhom, il-Gżejjer Maltin huma partikolarment vulnerabbli għall-hekk imsejħa bijoinvażjonijiet. Matul is-snin, ġew introdotti diversi speċi barranin f'Malta, magħrufa wkoll bħala speċi aljeni. Xi wħud minn dawn l-aljeni daħlu aċċidentalment jew bi żball, filwaqt li oħrajn iddaħlu apposta, anke bil-kunċett żbaljat li dawn itejbu l-bijodiversità u l-ambjent lokali. Filwaqt li ftit biss mill-ispeċi aljeni introdotti jilħqu stat invażiv, dawn tal-aħħar jista' jkollhom impatti ambjentali u soċjoekonomiċi kbar.

Speċi aljeni huma pjanti, annimali u ħlejjaq oħra, li huma introdotti fl-ambjent naturali fejn normalment ma jinstabux. Fil-każ fejn tali speċi jibqgħu ħajjin, jistabilixxu ruħhom u jew jiżdiedu fil-popolazzjoni jew jixorbu ħafna mir-riżorsi tal-madwar (bħal ilma u sustanzi), dawn jiġu meqjusa bħala invażivi. Speċi aljeni invażivi jistgħu jikkawżaw ħsara kbira lill-bijodiversità lokali, lis-saħħa tal-bniedem, lill-biedja u saħansitra lill-ekonomija. Kif dawn l-speċi isibu ruħhom fl-ambjent naturali, jikkompetu ma' dawk l-speċi indiġeni għar-riżorsi ta' ikel u spazju u meta dawn ikunu aktar b'saħħithom, anke jieħdu post l-speċi indiġeni. Effetti ambjentali negattivi oħra jinkludu predazzjoni fuq speċi lokali, tixrid ta' mard u alterazzjoni ta' pajsaġġi u ambjenti. B'dan il-mod l-speċi aljeni huma meqjusa ta' theddida u saħansitra jistgħu jeqirdu popolazzjonijiet sħaħ ta' speċi: dan huwa partikolarment inkwetanti meta għandek ambjenti li fihom speċi indiġeni u saħansitra endemiċi li huma rari. L-introduzzjoni ta' dawn l-speċi aljeni ġeneralment joħloq żbilanċ fl-ekosistemi tagħna.

Fil-Gżejjer Maltin għandna diversi speċi aljeni invażivi li matul is-snin ikkawżaw ħsara lill-ambjent naturali. Xi eżempji huma numru ta' siġar bħax-xumakk falz (Tree of Heaven; Ailanthus altissima); il-gażżija tax-xewk (Karroo Thorn; Vachellia karroo); l-akaċja (Wattles; Acacia spp.); ir-riġnu jew il-ħarwija (Castor Oil Tree; Ricinus communis); l-albizzja (Lead Tree; Leucaena leucocephala); il-jukka (Spanish Dagger; Yucca gloriosa); u l-ewkaliptu (Gums/Eucalypts; Eucalyptus spp.). Dawn is-siġar huma invażivi peress li jew jieħdu post ix-xagħri u l-ambjenti masġara tagħna jew jixorbu ħafna ilma u sustanzi, tant li ma jħallux numru ta' speċi indiġeni jitkattru u jikbru. Minbarra siġar, insibu bosta pjanti li qed jagħmlu ħafna ħsara, bħas-sabbar tal-Amerka (Century Plants; Agave spp.); is-swaba' tal-Madonna (Hottenot Fig; Carpobrotus edulis); widnet il-ħanżir (Baby Sun Roses, Aptenia spp.); il-kabuċċinella (Garden Nasturtium; Tropaeolum majus); il-ħummejr (Four o'Clock Flower; Mirabilis spp.); il-pjuma jew il-penniżetum (Fountain Grasses; Pennisetum spp.); u s-settembrina selvaġġa (Narrow-leaved Aster; Symphyotrichum squamatum), kif ukoll xebliek, bħall-kampanella (Morning Glories; Ipomoea spp.); id-dielja bagħla jew Amerikani (Vitis spp.); il-fatata (Madeira Vine; Anredera cordifolia); u tuffieħ ir-riħ (Balloon Vines; Cardiospermum spp.).

Minbarra pjanti, hemm ukoll bosta annimali li jagħmlu l-ħsara, u dawn jinkludu ħut u żrinġijiet aljeni li jitpoġġew fl-ilmijiet tagħna, bħaċ-ċkal tal-ilma ħelu (Crayfish, Procambarus spp.); ħut bħall-muskitow (Western Mosquito fish; Gambusia affinis) u l-goldfish (Goldfish; Carassius auratus); żrinġijiet barranin bħall-qorru jew żring għarib (Levantine Frog; Pelophylax bedriagae); il-fkieren tal-ilma ħelu (Terrapins/Sliders; Trachemys scripta); il-firien (Rats, Rattus spp.); kif ukoll għasafar domestiċi bħal xi papri u wiżż (domestic duck and geese) mitfugħa fl-ambjenti naturali. Dawn jieklu pjanti, insetti u annimali oħra indiġeni li jgħixu fl-ilmijiet tagħna; il-qorru saħansitra jikkompeti direttament maż-żring lokali (Painted Frog; Discoglossus pictus), li saħansitra qered kompletament minn xi mkejjen. Barra minn dan, il-papri u l-wiżż domestiċi li jintefgħu f'post wieħed iżidu s-sustanzi fl-ilma minħabba l-ikel li jingħataw min-nies u l-bżonnijiet naturali tagħhom; fil-fatt numru kbir ta' dawn l-għasafar wassal għal ħsara kbira fi nħawi bħal Ta' Sarraflu, is-Salini u l-Magħluq tal-Baħar, b'qerda ta' ħafna annimali u pjanti indiġeni. Dan huwa dnub jekk wieħed jikkunsidra li l-ilmijiet tagħna, għalkemm rari, iħaddnu diversi speċi indiġeni li huma endemiċi jew mhedda fid-dinja.

Għalkemm huma sbieħ fil-għajn, dawn il-ħlejjaq jieħdu post dawk indiġeni. Wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu sabiex ma jxerridx speċi bħal dawn. Huwa importanti li wieħed ma jmexxihom minn post għal ieħor, sabiex ma jkomplix iniġġes l-ambjenti naturali, partikolarment dawk li huma ħielsa min dawn l-speċi. L-ERA, flimkien ma' bosta għaqdiet, qed tagħmel ħilitha biex dawn l-aljeni jitneħħew u, fejn possibbli, jiġu sostitwiti minn ħlejjaq indiġeni. Din il-prattika għandha wkoll tkun meqjusa sew fil-ġonna u għelieqi privati sabiex nikkontrollaw il-firxa ta' speċi invażivi u anke inkomplu nżidu għarfien dawn il-bijodiveristà unika ta' pajjiżna.

Wieħed għandu jaħsibha sew qabel idaħħal annimal jew pjanta f'ambjent naturali – l-introduzzjoni ta' ċertu speċi jagħmel aktar ħsara milli ġid. L-esperjenza wkoll urietna li biex nikkontrollaw jew neqirdu dawn l-ispeċi aljeni invażivi, hemm bżonn ta' ħafna riżorsi b'interventi kontinwi u ripettitivi, għax huma speċi reżiljenti ferm. Wieħed għandu ikun responsabbli fl-azzjonijiet tiegħu sabiex ma nkunux ta' detriment għall-bijodiversità sinjura tagħna u nassiguraw ambjent b'saħħtu għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.



# IL-GAMIEMA MNISSLA FIL-MAGĦLUQ LI GĦAMLET VJAĠĠ TA' AKTAR MINN 1,580 KILOMETRU

Aktar kmieni din is-sena, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), grazzi għall-intervent tal-Onorevoli Ministru Silvio Schembri mar-Responsible Gaming Foundation (RGF) assigurat li l-proġett tal-FKNK ta' tnissil fil-magħluq u tluq lura fis-selvaġġ tal-gamiem jista' jilħaq l-iskop xjentifiku tiegħu.

Bl-isponsor ta' €14,000 mill-RGF, inxtraw tmien *satellite tags*, li ġew assenjati fuq frieħ tal-gamiem mill-istess proġett. Din l-implimentazzjoni setgħet tassigura li nsegwu u nimmoniterjaw il-passa ta' dawn is-suġġetti, sa fejn qabel stajna biss nifhmu l-vjaġġ jekk jiġi miġbur u rrappurtat wieħed miċ-ċrieket imlibbsa fuq l-istess gamiem frieħ li jkunu mitluqa matul is-sena.

Dawn is-*satellite tags*, isegwu l-vjaġġ ta' migrazzjoni ta' dawn it-tjur f'ħin attwali (in real time). U mhux biss, għax grazzi għat-teknoloġija jkollna wkoll analiżi ta' elevazzjoni, il-veloċità, temperaturi, ħin u *coordinates* tar-rotta jew tal-post fejn waqfet tistrieħ it-tajra.

Għalkemm teoritikament konna nafu li l-gamiem li jiġi mnissel fil-magħluq li jagħmel parti mill-proġett, wara li jintelaq kien qiegħed ipassi, sfortunatament ma tantx kellna bażi xjentifika biex insostnu fejn dawn is-suġġetti kienu qegħdin jaslu u/jew finalment jispiċċaw, ħlief għal xi ċrieket li kienu ġew irkuprati mill-Italja.

F'Mejju li għadda, bl-assistenza tal-Ornitologu Taljan, is-Sur Alessandro Tedeschi, li jaħdem fl-Uffiċċju tal-Avifawna Taljana tal-Federazzjoni tal-Kaċċa Taljana (FIDC), ġew assenjati dawn it-tmien *tags* fuq il-gamiem li jagħmlu parti mill-proġett ta' tnissil u tluq lura fis-selvaġġ tal-FKNK, fejn qabel ma ntelqu ġiet analizzata dejta bijometrika ta' dawn is-suġġetti.

Sakemm ġejna għall-istampar, mit-tmien suġġetti li ntelqu, uħud marru l-Italja. Waħda kienet niżlet 'l isfel lejn Tuneż minn Sqallija. Biss gamiema partikolari tatna sorpriża li ma tantx stennejna. Il-gamiema b'ċurkett numru 378 u li tiżen 177 gramma, u li ġiet assenjata l-isem ta' **Rita**, tatna riżultati interessanti ferm.

Din il-gamiema li ntelqet fil-11 ta' Lulju 2021 bdiet il-vjaġġ tagħha lejn Sqallija, fejn eventwalment għamlet tlett ijiem Motta Sant' Anastasia fi Sqallija. Lejn l-aħħar ta' Lulju Rita kompliet bil-vjaġġ tagħha lejn il-Greċja u eventwalment kompliet il-vjaġġ tagħha lejn il-Maċedonja.




Fil-bidu ta' Awwissu passiet lejn il-Bulgarija, u għal aktar minn xahar għamlet movimenti lejn ir-Rumanija u lura lejn il-Bulgarija fejn tidher li waqfet f'Tutrakan fil-Bulgarija.

Matul il-vjaġġ tagħha, l-aktar li taret fl-għoli kien 224 metru u b'veloċità medja ta' 11.2 metru fis-sekonda.

L-aktar aspett interessanti li joħroġ mill-vjaġġ ta' din il-gamiema huwa li l-Bulgarija ma tifformax parti mit-tmien pajjiżi fl-Ewropa minn liema popolazzjonijiet ta' gamiem li jbejtu f'dawk it-tmien pajjiżi, l-awtoritajiet Maltin s'issa dejjem ikkalkulaw il-kwota tal-gamiem li nkunu nistgħu naqbdu fil-gżejjer Maltin.

Dawn it-tmien pajjiżi ġew magħżula għax minnhom biss qatt ma irkupraw xi gamiem/a biċ-ċurkett mit-tali pajjiż il-BirdLife Malta. Għaldaqstant, issa li għandna din id-dejta tal-Bulgarija, fejn ibejtu mijiet ta' eluf ta' gamiem (skont dejta ta' BirdLife International), m'għandhiex ukoll din il-popolazzjoni tal-Bulgarija tifforma parti mill-formola biex tiġi kkalkulata l-kwota tal-qbid tagħna, liema kwota b'hekk matematikament din il-kwota tiżdied?

Aspett interessanti ieħor li ġie analizzat mis-suġġetti kollha hu li l-ħin li dawn is-suġġetti jpassu, kien dejjem matul il-lejl, u qatt matul il-ġurnata.

Ir-riżultati u d-dejta li ġew bis-saħħa ta' din il-parti tal-proġett ikomplu jesponu kemm hu utli, bżonnjuż, serju, konkret u xjentifiku dan il-proġett tal-gamiem tal-FKNK għall-gżejjer Maltin.

## SOMMARJU TA' AĦBARIJIET TA' DAWN L-AĦĦAR XHUR U ĠIMGĦAT…

**Jiġi mniedi 'Logo' ġdid u jitħaddan Pjan ta' Viżjoni**
Wara 38 sena mit-twaqqif tagħha, l-FKNK uffiċjalment tħaddan logo ġdid u tippubblika dokument bi pjan ta' viżjoni.

**Joseph Calleja jżur ir-Razzett tal-Bagħal**
It-Tenur ta' fama internazzjonali u l-Ambaxxatur tal-Kultura għal Malta, Joseph Calleja, għamel żjara ta' korteżija fir-Razzett tal-Bagħal ġewwa l-Ġonna tal-Buskett.

**Tnedija tal-Applikazzjoni Diġitali tal-FKNK**
Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) għandha l-pjaċir tħabbar kollaborazzjoni ġdida mal-Kumpanija Ġermaniża 'MyHunt. Tiġi mnieda l-ewwel applikazzjoni għat-telefown ċellulari dedikata għall-kaċċaturi u n-nassaba biex ittejjeb l-elementi ta' komunikazzjoni informattivi.

**L-FKNK Tiltaqa' mal-MTF**
Il-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) kellu laqgħa mal-Kumitat tal-MTF (Malta Taxidermy Federation) fl-uffiċċju tal-FKNK, l-Imsida.

**Chairperson ġdid maħtur għall-Klabb Klieb tal-Kaċċa ta' Malta**
Dr James Galea nħatar bħala l-ewwel Chairman tal-Klabb Kelb tal-Kaċċa ta' Malta.

**Issir preżentazzjoni tar-Rapport tal-Proġett ta' GEO-TAGS tal-Gamiem**
Jiġi ppubblikat l-ewwel rapport tal-Progress tat-Trażmettituri tat-Traċċar bis-Satellita tal-GPS li kienu ġew imlibbsa fuq gamiem li jagħmel parti mill-proġett tal-istess FKNK - dan juri li kien suċċess b'riżultati pożittivi.

**FACE/CiC Assemblei Ġenerali**
Bejn it-23 u d-29 ta' Settembru 2021, FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni) u CIC (International Council for Game & Wildlife Conservation) kellhom il-Laqgħat Annwali tal-Assemblea Ġenerali tagħhom fl-okkażjoni tal-"ONE WITH NATURE World of Hunting and Nature Exhibition" f'Budapest, l-Ungerija.

**Suċċess fl-implimetazzjoni tal-Introduzzjoni mill-Ġdid tal-Barbaġann**
Suċċess miksub bir-rilaxx ta' ħames barbaġanni frieħ fl-inħawi tal-Ġonna tal-Buskett.

**Ibbalzmaturi Lokali Jirbħu f'Kompetizzjoni Internazzjonali**
Membri mill-Malta Taxidermy Federation, liema federazzjoni hija membru assoċjat tal-FKNK, ipparteċipaw f'kompetizzjoni ġewwa l-Ungerija bi tjur diversi u assikuraw diversi rebħiet prestiġjużi bix-xogħol artistiku tagħhom.

**Lino Farrugia rielett bħala Viċi President tal-Mediterran għall-FACE**
Waqt l-assemblea ġenerali tal-FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni), Lino Farrugia reġa' ġie kkonfermat bħala Viċi President tal-Mediterran fi ħdan il-FACE.

**President tal-FKNK jindirizza l-Grupp Parlamentari Ewropew tal-S&D**
Il-President tal-FKNK, Lucas Micallef kien wieħed mill-kelliema waqt attività tal-grupp Parlamentari Ewropew tal-S&D fejn indirizza l-importanza li jħaddnu s-seba' miljun kaċċatur fl-Ewropa.

**Proġett tal-FKNK jirbaħ Award li jagħmel parti mill-manifest tal-bijodiversità tal-FACE**
Il-FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni) fl-aħħar tal-Assemblea Ġenerali Annwali f'Budapest, ippreżentat lill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) b'Award ta' rikonoxximent għall-Proġett tal-FKNK tal-Mixtla fil-kategorija 'Best Project Media Coverage'.

**L-FKNK tiltaqa' mal-MSSF**
Delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) immexxija mill-President, Lucas Micallef, kellha laqgħa ma' rappreżentanti mill-Kumitat tal-MSSF (Malta Shooting Sport Federation) ġor-ranges tal-Bidnija.

**Intbagħtet ittra lill-Kumitat tal-Petizzjonijiet**
Permezz tal-avukati tagħha, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) kitbet lill-Onorevoli Joe Mizzi, il-President tal-Kumitat Permanenti tal-Petizzjonijiet fil-Parlament Malti, sabiex terġa' tressaq il-Petizzjoni ta' 104,293 firma ta' ċittadini Maltin.

# IL-KONTRIBUZZJONIJIET TAL-FKNK GĦAL L-ISTAT TA' KONSERVAZZJONI TAL-GAMIEM U GĦALL-PASSJONI SOĊJO-KULTURALI TRADIZZJONALI TAL-KAĊĊA W L-INSIB TAL-GAMIEM FIR-REBBIEGĦA FIL-GŻEJJER MALTIN

**minn Lino Farrugia - Kap Eżekuttiv FKNK**

L-ispeċi ewlenija kaċċabbli ta' Malta hija l-Gamiema (Streptopelia turtur). Bħala riżultat tas-sitwazzjoni ġeografika tal-arċipelagu Malti u l-mudelli migratorji u l-preżenza maġġuri tal-gamiema fuq il-gżejjer, il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin dejjem tradizzjonalment ikaċċjaw u nasbu għal din l-ispeċi fir-rebbiegħa (April - Mejju). Ftit huma l-gamiem, b'diversi ġranet meta l-ebda gamiem ma jidher, li huma preżenti b'mod sporadiku matul il-passa tal-ħarifa (Awwissu-Settembru).

L-abolizzjoni tal-kaċċa w l-insib tradizzjonali tal-gamiem ifisser it-tmiem għall-eluf ta' kaċċaturi u nassaba Maltin li b'passjoni u sostenibbiltà ikaċċjaw u nasbu għall-gamiema fir-rebbiegħa minn żminijiet antiki ħafna, liema drawwa tikkostitwixxi l-mod ta' ħajja rikreattiv tagħhom.

Fl-2006 BirdLife Malta instigat lill-Kummissjoni tal-UE biex tippreżenta proċeduri kontra Malta fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) biex tabolixxi l-kaċċa fir-rebbiegħa. Fl-10 ta' Settembru 2009, permezz tal-verdett tal-ECJ, Malta stabbiliet il-prinċipju li l-kaċċa tal-gamiema fil-ħarifa ma tikkostitwixxix soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti għall-kaċċa tal-ispeċi fir-rebbiegħa. Ir-Rapport Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), "**Hunting in Malta in Spring and Autumn - A Comparative Study**", kien użat strumentalment mit-tim tad-Difiża ta' Malta fil-proċeduri tal-Qorti u sinifikanti fil-verdett tal-ECJ biex tiġi stabbilita t-teorija tas-'soluzzjoni sodisfaċenti'. Fl-2014 - 2015, BirdLife Malta, f'alleanza ma' diversi organizzazzjonijiet oħra, legalment ġiegħlet lill-Gvern ta' Malta jsejjaħ l-ewwel Referendum Abrogattiv dirett fi sforz ieħor biex jabolixxu l-kaċċa fir-rebbiegħa mill-gżejjer Maltin. **Fil-11 ta' April 2015, l-FKNK assigurat ir-riżultat storiku tar-rebħa tal-vot tar-Referendum**. F'Mejju 2015 il-Kummissjoni tal-UE rtirat il-proċeduri ta' ksur li kellha pendenti kontra Malta mill-verdett tal-ECJ tal-2009.

Fl-2016 l-IUCN (Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura) elenkat l-istatus ta' konservazzjoni Ewropew tal-gamiema minn "Least Concern" għal 'Vulnerabbli' fuq il-Lista l-Ħamra tagħha ta' Speċi mhedda. Għalhekk, fir-rebbiegħa tal-2017, Moratorju Volontarju fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa tal-gamiema ġie impost mill-Gvern, fuq il-fehim ċar u dokumentat li l-Moratorju għandu jibqa' f'postu 'sakemm is-sostenibbiltà tat-tradizzjoni ta' Malta tkun tista' tkun oġġettivament u xjentifikament aċċertat.' Fil-fatt il-gamiema ma ġietx ikkaċċjata fir-rebbiegħa tal-2017, 2018, 2019, 2020 u 2021, minkejja **l-proposti tal-FKNK ippreżentati lill-Gvern Malti qabel ir-rebbiegħa tal-2020 u 2021.** Matul dan il-perjodu tal-Moratorju l-FKNK kompliet taħdem biex tipprova, għal darb'oħra, li l-qbid fir-rebbiegħa ta' Malta tal-gamiema QATT ma jkollu xi effett fuq il-popolazzjoni Ewropea tal-gamiema, u li l-passjoni soċjo-kulturali tradizzjonali tal-kaċċa w l-insib fir-rebbiegħa tal-gamiema tal-kaċċaturi w n-nassaba Maltin hija sostenibbli u possibbli, tkun xi tkun id-daqs tal-popolazzjoni tal-għasfur fi kwalunkwe ħin. Barra minn hekk, il-kawżi ewlenin imsemmija mill-IUCN għat-tnaqqis tal-ispeċi huma totalment ineżistenti fil-gżejjer Maltin.

Konsegwentement, il-FKNK immedjatament daħlet għal diversi xogħlijiet biex il-Moratorju jitneħħa fl-iqsar żmien possibbli u jara d-dħul mill-ġdid tat-tradizzjoni soċjo-kulturali tal-kaċċa w l-insib fir-rebbiegħa tal-gamiema fil-gżejjer Maltin. L-FKNK hija ċerta li projbizzjoni fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa tal-gamiema f'Malta ma tipprevjeni l-ebda tnaqqis ta' l-ispeċi, u lanqas l-effett tagħha ma jkun identifikat. Barra minn hekk, l-FKNK diġà wriet li l-kaċċa ta' numru limitat ta' gamiem hija marbuta b'mod ċar ma' benefiċċji ta' konservazzjoni għal dik u għal speċi oħra ta' għasafar salvaġġi bħala riżultat dirett ta' miżuri ta' konservazzjoni assoċjati mal-kaċċa (primarjament iwasslu għal tnaqqis sinifikanti ta' qtil illegali ta' għasafar protetti).

Aktar Xogħlijiet tal FKNK għar-Reintegrazzjoni tal-Kaċċa w l-Insib fir-Rebbiegħa tal-Gamiem:

Fl-2016, Caruana-Galizia, Paul u Fenech, Natalino ppubblikaw Karta fil-Ġurnal ta' "BirdLife International" bl-isem "The importance of spring hunting in Malta on European Turtle Dove Streptopelia turtur and Common Quail Coturnix coturnix populations", fejn il-kalkoli, stimi u suppożizzjonijiet huma diskutibbli, mhux korretti u minfuħin bil-kbir. L-iktar inflazzjoni evidenti hija li kull rebbiegħa l-kaċċaturi Maltin jieħdu medja ta' 500,000 gamiema! Fl-2017, l-FKNK ippubblikat Dokument bi tweġiba għall-kitba ta' Caruana-Galizia u Fenech intitolata: "**Illogical and Conflicting Numbers of Hunted Turtle Doves (Streptopilia turtur) on the Maltese Islands**".

Bħala konsegwenza tal-protesti tal-FKNK u tal-Gvern ta' Malta lill-IUCN, flimkien mal-pubblikazzjoni tal-Karta tal-FKNK kif spjegat hawn fuq, iżda wkoll bħala riżultat tal-intervent dirett tal-Kummissarju għall-Ambjent tal-UE, lejn l-aħħar tal-2017 l-IUCN irtirat ir-referenza tal-Karta ta' Caruana-Galizia u Fenech mill-iskeda tad-dejta tal-Lista l-Ħamra dwar il-gamiema. FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni) kienet irreġistrat ukoll in-nuqqas ta' qbil tagħha mal-IUCN fir-rigward tal-kwistjoni kollha.

**Il-Proġett tal-FKNK: "Turtle Doves (Streptopelia turtur) Captive-breeding and Release into the Wild"**

Ftit wara t-tħabbira tal-Moratorju, l-FKNK daħlet għall-Proġett kif jidher hawn fuq. Dan il-Proġett huwa biss wieħed minn bosta inizjattivi li l-FKNK bdiet biex malajr kemm jista' jkun l-istaġun tradizzjonali tal-kaċċa w l-insib fir-rebbiegħa tal-gamiema jerġa jkun possibbli. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa r-riforniment tal-popolazzjoni salvaġġa, li hija l-unika kontribuzzjoni tanġibbli li Malta tista' tagħmel għall-konservazzjoni ta' din l-ispeċi fis-salvaġġ, sempliċement minħabba li l-gamiema ma tbejjietx fis-salvaġġ fuq bażi regolari u f'xi kwantitajiet fuq il-gżejjer Maltin. Minbarra dan, l-ammont rilaxxat jista' jservi bħala miżura ta' kumpens għall-gamiem li jistgħu jittieħdu mill-ambjent naturali fil-gżejjer Maltin.

Mit-tnedija tal-Proġett fl-2017, kull sena, il-proġett ħeles mijiet ta' gamiem fis-salvaġġ li jkunu mlibsin ċrieket tal-FKNK f'saqajhom, ħlief għall-2020 minħabba s-sitwazzjoni prevalenti ta' Covid-19 dak iż-żmien. Ir-rilaxx ta' madwar 350 gamiema ta' din is-sena seħħ iktar kmieni din is-sena b'valur miżjud sinifikanti - Ir-rilaxx ta' 12-il gamiema li kienu mgħammra b"Satellite Tracking Transmitters", liema xiri kien possibbli permezz tal-intervent tal-Onorevoli Ministru Silvio Schembri flimkien mal-Fondazzjoni għal-Logħob Responsabbli (RGF), li sponsorjat it-Trasmettituri.

Il-kejl tal-ġwienaħ u l-piż ta' kull gamiema ġie rreġistrat għal dawn l-għasafar qabel ma nħelsu u l-Ministru Schembri ħeles l-ewwel gamiema mgħammra bit-trasmettitur, li semmieha Ġanni.

Il-Ministru Schembri żied jgħid li l-ħidma tal-FKNK qed tirriżulta f'konservazzjoni kontinwa tat-tradizzjonijiet Maltin.

Hawn il-FKNK trid tirringrazzja wkoll il-'Grupp Kaċċaturi tas-South' li qatt ma naqsu jagħtu donazzjoni kull sena mit-tnedija ta' dan il-Proġett.

Kemm dan il-Proġett tal-Gamiem kif ukoll il-Proġett tal-Mixtla tal-FKNK ġew imfaħħra ħafna mill-FACE, sal-punt li l-FACE inkludiet dawn il-proġetti fil-ktejjeb tagħha "Kaċċa u Konservazzjoni tal-gamiem fl-Ewropa FATTI U ĊIFRI" rigward il-kontribuzzjonijiet ta' konservazzjoni tal-gamiem ta' dawk l-10 pajjiżi fejn issir il-kaċċa tal-gamiema fl-Ewropa. Il-FKNK ilha membru attiv tal-FACE mill-1987 u minn dakinhar irrappreżentat l-interessi tal-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin fl-Ewropa, permezz taż-żewġ Delegati tagħha fil-Bord tal-FACE. Fil-preżent, l-FKNK tokkupa wkoll il-pożizzjoni ta' Viċi Presidenza tal-FACE għar-Reġjun tal-Mediterran.

**Il-FKNK dalwaqt se tippubblika l-ewwel rapport perjodiku dwar din il-parti ta' riċerka ta' dan il-proġett. Ir-riżultati għandhom juru evidenza aktar konkreta dwar il-pajjiżi hekk imsejħa "reference populations" tal-gamiem, jiġifieri, il-pajjiżi fejn hemm il-popolazzjonijiet tal-gamiem li jpassi fil-gżejjer Maltin.**

Mill-bidu tal-Moratorju fl-2017, il-Kunsill tal-FKNK 'ikkummissjona' Rapport, "**Traditional Turtle Dove Hunting in Spring on the Maltese Islands - Lifting of the Moratorium**". Ir-Rapport jiddettalja l-metodoloġija użata u l-eżerċizzji mwettqa, liema riżultati huma diskussi biex finalment isiru r-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tal-FKNK għat-tneħħija tal-Moratorju.

### MALTA - Restoring native woodland and Turtle Dove research

Under the coordination of the Federation for Hunting & Conservation – Malta (FKNK), hunters have been **engaged in safeguarding and managing the natural habitats across the country** which includes several important conservation actions for the Turtle Dove that passes through Malta in spring and autumn.

For example, the FKNK took part, together with another NGO (ACT), in a national project aiming to plant **1.000.000 trees and shrubs** from local native stocks over 10 years and across the country.

To achieve this, the FKNK has set up a nursery (over 2.500 seeds planted in 2020) and is now **distributing seedlings for free to any interested parties, including many hunters**. These seedlings are then planted throughout the country.

As the Turtle Dove does not breed in the country, the FKNK is currently investigating the possibility of restocking of the wild population and conducting research on captive-bred Turtle Doves. To do so, they started releasing specimens in 2017, and in 2021, 350 were released. Among them, 8 were fitted with **GPS Satellite Tracking Transmitters**.

This will test if captive-bred birds follow normal migration patterns, as well gathering other useful information (bird behaviour, speed of flight, altitude of flight and location, temperature of bird and location).



### Lessons learnt

It is therefore important to acknowledge that, across Europe, **hunters represent an important stakeholder actively involved in maintaining the Turtle Dove's habitat** that are more than willing to put efforts into it, for example, through hunting federations' own initiatives and investment, or through agri-environment schemes, that have the potential to provide foraging and nesting habitats in close proximity, thus yielding important benefits (Dunn *et al.* 2017).

**To stop the decline of the Turtle Dove population, priority should be given to restoring habitat quality rather than closing hunting where it happens, as it might support the Turtle Dove population recovery more effectively** (Marx *et al.* 2016).